*Rivista Biblika li toħroġ kull xahrejn mill-Kummissarjat ta' L-Art Imqaddsa tal-Provinċja Franġiskana Maltija*

*Imwaqqfa fl-1955*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*

***Nota:*** *r-ritratti tal-fuħħar li jidhru f'din il-ħarġa huma meħuda mill-ktieb ta' Stanislao Loffreda ofm, "Holy Land pottery at the time of Jesus", Franciscan Printing Press, Jerusalem, 2001.*

*Serje Ġdida*
*Vol 23 Nru 131*
*Settembru - Ottubru 2002*

***Editorjal*** **..................321**
***Avviż*** **.......................322**
***Il-Barka fl-Iskrittura*** **........323**
***Pawlu Appostlu ta' Ġesù Kristu*** **..........327**
***L-ittra ta' Ġakbu*** **......330**
***P. Gabriele M. Allegra OFM*** **.......335**
***San Franġisk u s-Sultan (I)*** **......309**
***Il-qarrejja jistaqsu*** **....349**

*Editorjal ta' Twanny Chircop ofm*

# Ħsibijiet u proġetti

Wara ż-żmien tas-Sajf li jġib miegħu waqfa mill-attività kważi kollha, u bir-raġun għax kemm minħabba s-sħana qawwija tas-Sajf ta' Malta kif ukoll il-bżonn li wieħed jistrieħ, erġajna ftaħna s-sena tal-Evanġelizzazzjoni. Fl-10 t'Ottubru bdejna mill-ġdid il-kors bibliku, li din is-sena minn dan l-istess xahar sa' Diċembru qed nistudjaw il-kotba Storiċi tal-Iskrittura. Dan il-kors qed jitmexxa minn Patri Guido Schembri ofm. Il-konkorrenza kienet waħda inkoraġġanti, kemm fis-sezzjoni ta' filgħodu kif ukoll fis-sezzjoni ta' filgħaxija. Jidher ċar li hawn ħafna għatx għal għarfien iżjed sħiħ tal-Kelma t'Alla. Din hija ħaġa pożittiva ħafna u inħoss li bħala kummissarjat tal-Art Imqaddsa li nagħtu din il-formazzjoni Biblika għandu jkun l-ewwel dmir u impenn tagħna.

F'dawn l-aħħar żminijiet, l-Art Imqaddsa qiegħda kontinwament tissemma fl-aħbarijiet minħabba s-sitwazzjoni diffiċli li teżisti. Għalina l-Insara, izda din l-Art Imqaddsa tfisser ħafna iżjed u għandha tifsira spiritwali wkoll minħabba li Ġesù wettaq is-salvazzjoni tagħna fiha. Din it-tifsira sfortunatament, ma hix magħrufa biżżejjed mill-parti kbira ta' l-insara. Għalhekk, jiena xtaqt fil-bidu tal-kariga tiegħi bħala Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, inniedi kampanja jew sensiela ta' taħdidiet dwar l-Art Imqaddsa fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex, dejjem bil-kunsens u l-għajnuna tal-kappillani. Nemmen li dan ikun wieħed mill-aħjar modi biex nissensibilizza lil ħutna l-Maltin dwar is-sbuħija ta' din l-Art ta' Ġesù, li minnha nistgħu nieħdu katekeżi ħajja għal ħajjitna. Dan ser nagħmlu bil-għajuna ta' l-ewwel membri tal-grupp *"Ħbieb tal-Art Imqaddsa"* li bil-mod beda jaħdem u qed isib l-iskop tiegħu.

F'din l-Art ta' Ġesù huwa żmien diffiċli għal kulħadd, kemm għalina l-Franġiskani bħala ħarriesa tal-postijiet qaddisa kif ukoll għall-insara tal-post, għax it-turiżmu u l-pellegrinaġġi għebu għal kollox. Rigward il-pellegrinaġġi nittama li s-sena d-dieħla jkun żmien aħjar fejn nistgħu inkomplu anke norganizzaw il-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, s'intendi b'xi tibdil imma li żguri jkompli jgħinuna nifhmu l-kobor u s-sbuħija ta' din l-art tal-grazzja.

Din l-Art ta' Ġesù hija verament imbierka u kull min għamel l-esperjenza li jżurha ħassu fortunat w imbierek mill-Mulej. Nitolbu flimkien għax l-għaqda għandha l-qawwa għall-PAĊI.

F'din il-ħarġa ser issibu diversi artikli bibliċi ta' Patri Marcello Ghirlando u wkoll bidu ta' sensiela dwar il-wasla tal-Franġiskani fl-Orjent miktuba minn Patri Noel Muscat. Imbagħad għandna wkoll artiklu dwar P. Gabriele M. Allegra ofm, appostlu tal-Kelma u fundatur ta' l-istudju Bibliku ta' Hong Kong li se jiġi pproklamat beatu dalwaqt.

Nawgurawlkom qari tajjeb.

## Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa - Malta

# OPEN DAY 2002

**Is-Sibt 1 ta' Diċembru**
**mid-9.00am sa 12.00pm**
**u mill-4.00pm sas-6.00pm**

Fil- KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8 Triq Santa Luċija, Il-Belt.

*Ejjew u Niltaqgħu Flimkien*

• Ejjew ġeddu l-Abbonament fir-Rivista l-Art Imqaddsa

• Roħs speċjali fuq Kotba Bibliċi tagħna u ta' l-Edizzjoni TAU

• Ser ikun hemm għall-bejgħ
Posters u Santi ta' l-Art Imqaddsa;
il-Bambini ta' Betleħem;
u diversi tifkiriet reliġjużi mill-Art Imqaddsa.

• Ejjew iksbu l-informazzjoni għall-Pellegrinaġġi
fl-Art Imqaddsa 2003 u
għall-Korsijiet dwar l-Art Imqaddsa 2003.

Ejjew u Niltaqgħu Flimkien
• Ġeddu t-tifkiriet tal-Pellegrinaġġ tagħkom
ibqgħu flimkien magħna.

*Ħbieb ta' l-Art Imqaddsa: Nistennewkom!*

**Fis-6.15 p.m.**
**Niċċelebraw Quddiesa fil-Knisja Santa Marija ta' Ġesù (il-Belt)**
**għall-bżonnijiet tal-Benefatturi ħajjin u mejtin**
**tal-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa**

*Kitba ta' Marcello Ghirlando ofm*

# Il-Barka fl-Iskrittura

L-ideja ta' barka fl-Iskrittura hija komuni ħafna: Alla li jbierek lill-bniedem, il-bniedem li jbierek lill-bniedem u saħansitra l-bniedem li jbierek lil Alla. Xi tfisser il-kelma barka fil-Bibbja?; xi jfisser eżattament meta ngħidu li xi ħadd ibierek lil xi ħadd ieħor?.

Fl-Antik Testment il-kelma barka/ibierek ġejja mill-għerq brk, għerq li għandu diversi tifsiriet etimoloġiċi. Per eżempju nsibu forom nominali u verbali ta' brk li jfissru barka/jbierek; insibu forom nominali u verbali ta' l-għerq li jfissru rkoppa/jinżel għarkuptejh; insibu anke nom ġej minn dan l-istess għerq li jfisser baċir ta' l-ilma/menqgħa.

Anke meta l-għerq brk jintuża fis-sens ta' barka/ibierek, dan jista' jkollu diversi tifsiriet: titlob it-tajjeb, issellem, trodd ħajr, tagħmel il-paċi, tqim, issebbaħ. Il-partiċipju passiv tal-forma verbali 'Imbierek' tinsab kemm-il darba fl-Iskrittura fi stqarrija kważi klassika li tibda proprju hekk: "(ħa jkun) Imbierek....".

L-għerq brk, fis-sens ta' barka/ibierek, irridu nifhmuh fil-kuntest ta' relazzjonijiet bejn Alla u l-bniedem u bejn il-bnedmin; fil-kuntest ta' l-eżiżtenza ta' relazzjoni qaddisa, legali jew soċjali. Għalhekk f'dan is-sens Alla, l-anġli u l-bnedmin jistgħu jbierku, jagħtu l-barka. Alla, il-bnedmin, l-istess bhejjem u anke oġġetti bla ħajja jistgħu jiġu mbierka, jirċievu l-barka. Dak imbagħad li jingħata permezz tal-barka jiddependi minn min jagħtiha u minn min jirċeviha. Fl-aħħar mill-aħħar il-barka hija stqarrija li titlob it-tajjeb fuq xi ħadd jew fuq xi ħaġa; u dan f'kuntrast radikali mas-saħta li hija negattiva u hija ddestinata li twassal dak li hu negattiv fuq min jirċeviha.

## Alla jbierek

Fl-Iskrittura għandna kemm-il eżempju li fiha Alla jagħti l-barka tiegħu. Jista' jagħti l-barka lill-individwi, bħalma għamel lil Ġob: "U l-Mulej bierek il-ħajja l-ġdida ta' Ġob aktar minn dik ta' qabel, u kellu Ġob erbatax-il elf nagħġa u sitt elef ġemel, elf żewg barrin u elf ħmara" (Ġob 42, 12). Alla jista' jagħti l-barka tiegħu lil gruppi: "Mose' qal: 'Illum intom (ulied Levi) ikkonsagrajtu rwieħkom u lil ħutkom; u ġbidtu llum il-barka fuqkom'" (Eż 32, 29). Alla jbierek il-poplu ta' Iżrael: "Ittawwal mis-sema, l-għamara mqaddsa tiegħek, u bierek il-poplu tiegħek Iżrael u l-art li tajtna, kif inti ħlift lil missirijietna, art tnixxi ħalib u għasel" (Dt 26, 15). Alla kapaċi jbierek il-ġnus: "Jekk trid terġa' lura, Iżrael, oraklu tal-Mulej, erġa' ejja għandi. Jekk inti twarrab qżiżijietek minn quddiemi, ma jkollokx għalfejn tit-biegħed minni; u jekk taħlef: 'Daqs kemm hu ħaj il-Mulej", bil-verità, bis-sewwa u bil-ġustizzja, mbagħad jitbierku bih il-ġnus u bih jiftaħru" (Ġer 4, 1-2).

Alla jbierek lil Iżrael: forsi din hija l-ideja fundamentali biex nifhmu s-sens tal-barka fl-Iskrittura. Il-Ktieb tad-Dewteronomju u l-Profeti ta' l-Antik Testment jinsistu fuq dan. Alla jbierek il-poplu bis-saħħa tar-relazzjoni li teżisti bejnu u bejn il-poplu, bis-saħħa tal-Patt bejn Alla u Iżrael. Biżżejjed niflu ftit il-kapitli 27 u 28 tal-Ktieb tad-Dewteronomju biex nifhmu kif il-barka kienet frott l-ubbidjenza lejn il-Patt, u, mill-banda l-oħra, is-saħta tidher bħala frott id-diżubbidjenza lejn il-Patt qaddis bejn Alla u l-poplu. "Jekk int tassew tisma' leħen il-Mulej, Alla tiegħek, biex tħares u tagħmel l-ordnijiet kollha



**Fuħħar ta' żmien Ġesù: *tazzi***

tiegħu, li jien illum qiegħed nordnalek, jerfgħek il-Mulej, Alla tiegħek, fl-għoli 'l fuq mill-gnus kollha ta' l-art. U jigu fuqek dawn il-barkiet kollħa għax tkun smajt il-leħen tal-Mulej, Alla tiegħek…Jekk int ma tismax leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u ma tħarisx u ma tagħmilx l-ordnijiet u l-liġijiet tieghu li jiena llum qiegħed nordnalek, dawn is-saħtiet kollha jiġu fuqek u jilħquk…" Il-barkiet ta' Alla huma diversi: barkiet fil-belt u fir-raba', fil-frott tal-guf, ta' l-art u tal-bhejjem, barkiet li jidħru fil-qoffa tal-ħobż, fil-ħarsien mill-għedewwa, fil-għażla divina tal-poplu eċċ.

Fl-Iskrittura, imbagħad, Alla jiġi ppreżentat ukoll li jbierek diversi affarijiet, kollha favur il-bnedmin. Alla jbierek il-ħlejjaq: "U Alla ħalaq il-ħut il-kbir u l-annimali kollha li jitkaxkru, li bihom miżgħud l-ilma, skond ġenshom, u t-tajr bil-ġwienaħ skond ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb. U berikhom Alla u qalilhom: 'Welldu u oktru, u imlew l-ilma ta' l-ibħra; u joktor it-tajr fuq l-art'" (Ġen 1, 21-22); "Mbierek ikun il-frott ta' ġufek, il-frott ta' artek, il-frott tal-bhejjem tiegħek; il-frieħ tal-baqar tiegħek, u l-frieħ ta' l-imrieħel tiegħek" (Dt 28, 4). Alla jbierek l-art u d-djar: "Ittawwal mis-sema, l-għamara mqaddsa tiegħek u bierek il-poplu tiegħek Iżrael u l-art li tajtna, kif int ħlift lil missirijietna, art tnixxi ħalib u għasel" (Dt 26, 15); "Is-saħta tal-Mulej f'dar il-ħżiena, imma hu jbierek djar it-tajbin" (Prov 3, 22). Alla jbierek il-frott ta' l-art, il-ħobż u l-ilma: "Alla…u jħobbok u jbierkek u jkattrek, ibierek frott ġufek u frott artek, il-


**Fuħħar ta' żmien Ġesù:** ***bwieqi***

qamħ tiegħek, l-inbid tiegħek, iż-żejt tiegħek, il-frieħ tal-bhejjem tiegħek, u l-għalel ta' l-imrieħel tiegħek, fl-art li ħalef li jagħti lil missirijietek" (Dt 7, 13); "U intom tqimu l-Mulej Alla tagħkom, u hu jbierek il-ħobż u l-ilma tiegħek…: (Eż 23, 25). Alla jbierek kemm ix-xogħol kif ukoll il-mistrieħ: "Il-Mulej jagħtik il-barka fl-imħażen tiegħek u f'kull ma tmidd idek għalih" (Dt 28, 8); "U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu, għax fih waqaf mix-xogħol kollu tieghu li kien għamel fil-ħolqien"(Ġen 2, 3).

F'dan kollu ħaġa waħda rridu niftakru tajjeb: Alla ħuwa l-għajn ta' kull barka.

## Il-bniedem ibierek

Anke meta l-bnedmin ibierku, kif insibu fil-pagni ta' l-Iskrittura, l-għajn tal-barka tagħhom hija waħda, Alla nnifsu. Dan jidher ċar fit-talba/barka li Mose' igħallem lil Aron b'ordni ta' Alla kif insibu f'Numru, 6, 22-27: "Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Kellem lil Aron u 'l uliedu u għidilhom: Meta tbierku 'l ulied Iżrael, hekk għandkom tgħidulhom: Ibierkek il-Mulej u jħarsek! Jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek, u jurik il-ħniena! Iħares lejk il-Mulej bi mħabba, u jagħtik is-sliem!. hekk huma jsejjħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom". "U jiena nberikhom": huwa Alla l-għajn ta' kull barka, anke l-barkiet li jagħtu l-bnedmin f'ismu u bil-qawwa tiegħu.

Fl-Iskrittura l-bnedmin ibierku lill-bnedmin minħabba r-rwol tagħhom bħala intermedjarji bejn Alla u l-bnedmin. Il-missirijiet tal-familja, il-mexxejja tal-poplu, il-qassisin, il-profeti u anke d-dixxipli ta' Ġesù, ibierku f'isem il-Mulej. ħa naraw ftit eżempji. Fi tmiem l-organizzazzjoni tat-Tinda tal-Laqgħa fid-deżert u tal-qassissin, Mosè jbierek lill-ulied Iżrael: "Kollox kif kien ordna l-Mulej lil Mose', u ħekk ulied Iżrael temmew ix-xogħol kollu. Mose' ra x-xogħol kollu ra li għamluh kollu kif kien ordna l-Mulej, u Mosè berikhom" (Eż 39, 42-43). David is-Sultan ukoll ibierek il-poplu: "Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem, David bierek il-poplu b'isem il-Mulej ta' l-eżerċti" (2 Sam 6, 18). Il-qassis Għeli jbierek il-ġenituri ta' Samwel: "Għeli kien bierek lil Elkana u 'l martu u



**Fuħħar ta' żmien Ġesù: *ġarar***

jgħidilhom: 'Jagħtik il-Mulej ulied minn din il-mara flok il-wieħed li inti tajt lill-Mulej'" (! Sam 2, 20). Anke l-profeti jbierku. Niftakru fis-silta bikrija ta' Balak u Balgħam: "Mbagħad Balak qal lil Balgħam: 'X'għamiltli! Jiena ġibtek biex tisħetli l-għedewwa tiegħi, u issa int qiegħed tberikhom!'" (Num 23, 11).

Interessanti ninnutaw li ċerti barkiet fl-Iskrittura għandhom ukoll karatteristika legali jew huma sinjal ta' ħbiberija jew ftehim ta' paċi. Per eżempju, il-barka mogħtija mill-kap tal-familja fuq is-sodda tal-mewt hija wkoll sinjal li l-wirt jingħata lil min tingħata l-barka. Biżżejjed niftakru fl-istorja tal-barka li nsibu fil-Ġenesi 27 – 28 u fit-taqbida għal din l-istess barka bejn Għesaw u Iżakk jew inkella fil-barka mogħtija minn Ġakobb fuq is-sodda tal-mewt lil uliedu kollha fil-kapitli 48 – 49 ta' istess Ktieb tal-Ġenesi: "Dawn huma t-tribujiet kollha ta' Iżrael, tnax b'kollox, u dan hu l-kliem li qalilhom missierhom hu u jberikhom: u 'l kull wieħed bierku b'barka għalih" (Ġen 49, 28). Il-barka mogħtija minn min għandu l-awtorità, bħal sultan, għandha wkoll valur ta' ftehim ta'ħbiberija jew paċi. Il-grankuppier tas-Sultan Sanħerib ta' l-Assirja li kien qed jaħbat għal Ġerusalem iwiegħed il-barka lil dawk li jikkompromettu ruħhom miegħu u ma jisimgħux mis-sultan Ħeżekija: "La tisimgħux lil Ħeżekija għax dan igħid is-sultan ta' l-Assirja: Agħmlu paċi miegħi u ersqu lejja, u tieklu, kull wieħed mid-dielja tiegħu u kull wieħed mit-tina tiegħu u jixrob l-ilma kull wieħed mill-bir tiegħu" (Iż 36, 16).

Il-bniedem li jemmen, jista' wkoll jitlob il-barka għalih innifsu jew għal ħaddieħor, anke fl-affarijiet sempliċi tal-ħajja ta' kuljum; bħal meta wieħed isellem, meta wieħed irid juri sinjal ta' stima u ħbiberija, meta wieħed irid jawgura t-tajjeb lil ħaddieħor eċċ. Naraw ftit eżempji. Meta Ġużeppi jieħu lil missieru għand il-Fargħun, Ġakobb ibierku: "U Ġużeppi ħa 'l missieru, u ressqu quddiem il-Fargħun, u bierek Ġakobb lill-Fargħun" (Ġen 47, 7). Il-barka ssir sinjal ta' ħbiberija: "Is-sultan David sejjaħ lill-Ġibgħonin. Issa l-Ġibgħonin ma kinux minn ulied Iżrael, imma l-fdal ta' l-Amurrin, u minkejja li wlied Iżrael kienu ħalfulhom li jħalluhom, Sawl fittex li jeqridhom minħabba l-ħeġġa li kellu għal ulied Iżrael u Ġuda. U David staqsiehom: 'X'għandi nagħmel għalikom? Biex nista' npattilkom, ħalli intom tbierku wirt il-Mulej?'" (2 Sam 21, 2-3). Il-barka mogħtija lil ħaddieħor hija wkoll sinjal ta' gratitudni: "Ġerusalem kienu joqogħdu l-kapijiet tal-poplu; għalhekk il-poplu tella' x-xorti biex wieħed minn kull għaxra minnhom iġibuh joqgħodu Ġerusalem, il-belt qaddisa, u d-disgħa l-oħra jibqgħu fl-ibliet. Il-poplu bierek l-irġiel li minn rajhom iddeċidew li joqgħodu Ġerusalem" (Neħ 11, 1-2). F'dan kollu rridu niftakru li l-barka hija sinjal li l-bniedem jemmen f'Alla u li minn din ir-relazzjoni ta' fidi joħrog il-ġid li minnu kulħadd jista' jieħu sehem.

Fl-Iskrittura nsibu li l-bnedmin ibierku wkoll l-affarijiet. Dan ukoll huwa sinjal li l-bniedem jagħraf il-bżonn li jitlob il-barka/dak kollu li huwa tajjeb fuq l-affarijiet li jużahom għall-ħajja aħjar, u wkoll, biex permezz ta' l-affarijiet jista' wkoll jersaq lejn il-ħallieq. Għalhekk, per eżempju, kien importanti għal bniedem tal-Bibbja li l-affarijiet li jintużaw għas-sagrifiċċju, parti integranti mill-kult u t-talb, ikollhom fuq il-barka ta' Alla. Meta Sawl ifittex lil Samwel isibu qed ibierek il-vittma li kellha tiġi offruta bħala sagrifiċċju: "Kif tidħlu l-belt għandhom issibuh hemm, qabel ma jitla' fuq l-għolja jiekol, għaliex il-poplu ma jikolx qabel ma jasal hu; hu jbierek il-vittma, mbagħad jieklu l-mistednin" (1 Sam 9, 13).

## Imbierek int Mulej!

Fil-Bibbja nsibu wkoll li l-bnedmin u l-angli jbierku lil Alla! Jidher ċar li din il-barka ma tfissirx titlob xi ħaġa tajba fuq Alla. Alla biss huwa t-Tajjeb u jagħti dak li huwa tajjeb. Is-sens tal-barka li l-bnedmin u l-anġli jagħtu lil Alla huwa t-tifħir, ir-radd ta' ħajr, il-qima li tistħoqqlu. "Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej; b'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu. Bierek ruħ tiegħi l-Mulej, u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek....Bierku l-Mulej, anġli tiegħu kollha, setgħana u qawwija li tagħmlu l-ordni tiegħu, malli tisimgħu leħen il-kelma tiegħu. Bierku l-Mulej, eżerċti tiegħu kollha, qaddejja tiegħu, li tagħmlu r-rieda tiegħu. Bierku l-Mulej, għemejjel tiegħu kollha, kullimkien fis-saltna tiegħu. Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!" (Salm 103, 1-2. 20-22). "Mhumiex il-mejtin li jfaħħru l-Mulej, anqas ħadd minn dawk li jmorru fis-skiet; imma aħna li nbierku l-Mulej, minn issa u għal dejjem. Hallelujah!" (Salm 115, 17-18). "Ejjew, bierku l-Mulej, qaddejja kollha tal-Mulej, intom li toqogħdu f'dar il-Mulej. Erfgħu idejkom lejn it-tempju, u bierku l-Mulej fil-ljieli. Ibierkek il-Mulej minn Sijon, hu li għamel is-sema u l-art! (Salm 134).

## Ġesù ibierek

Bħal Lhudi twajjeb, anke Ġesù jbierek fit-Testmenti l-Ġdid. Kemm-il darba l-Mulej jiġi ppreżentat qed ibierek il-ħobż, kemm fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u tal-ħut, kif ukoll waqt l-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu: "Mbagħad ordna lin-nies biex joqgħodu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newwluhom lin-nies" (Mt 14, 19). "huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu u newwlu lid-dixxipli u qal: 'ħudu, kulu, dan hu ġismi.' Mbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newwlilhom il-kalċi u qal: 'Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet'" (Mt 26, 26-28). Huwa għalhekk li San Pawl isejjaħ il-kalċi ta' l-ewkaristija hekk: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka, m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu?..." (1 Kor 10, 16). X'qawwa ta' barka tal-Mulej innifsu u tas-saċerdot illum li f'isem Kristu 'ibierek' il-ħobż u l-inbid li jsiru ġisem u demm il-Mulej stess!

Ġesù jiġi ppreżentat ibierek it-tfal (ara: Mt 19, 13-15; "ġibulu wkoll quddiemu t-trabi biex iberikhom", Lq 18, 15-17) u lill-istess dixxipli. F'għeluq il-Vanġelu ta' Luqa hekk insibu miktub: "Mbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u rafa' idejh u berikom. U ġara li, huwa u jberikhom, nfired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalem, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla." (Lq 24, 50-53). Id-dixxiplu tal-Mulej, imbagħad, huwa mistieden ibierek lil kulħadd: "Imma lilkom li qegħdin tisimgħuni, ngħidilkom: "ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom" (Lq 6, 27-28).

Il-barka, mela, fl-Iskrittura hija sinjal ta'għaqda ta'min jemmen ma' Alla. MinnU tiġi kull barka, jiġifieri kull ġid, kull ma huwa tajjeb. Il-bniedem jitlob għalih innifsu, għall-oħrajn u fuq kollox il-barka ta' Alla. Bil-qawwa tal-preżenza divina, il-bniedem isir kapaċi hu nnifsu jbierek, ifaħħar u jiżżi ħajr, lill-istess Alla ħallieq u Feddej.

Fl-aħħar mill-aħħar, irridu niftakru wkoll li, l-istorja tas-salvazzjoni kollha kemm hi hija storja ta' barka. Barka mogħtija lil Abraħam u lil nislu għal dejjem: "U l-Mulej qal lil Abram: 'Qum u itlaq minn artek, minn art tweli-dek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, nbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. U jit-bierku bik it-tribujiet kollha ta' l-art'" (Ġen 112, 1-4).

**Fuħħar ta' żmien Ġesù: *bieqja***



*Kitba ta' Marcello Ghirlando ofm*

# Pawlu Appostlu ta' Ġesù Kristu

Pawlu dejjem jiddeskrivi lilu nnifsu bħala li kien "appostlu ta' Ġesù Kristu" kull meta jintroduċi l-ittri tiegħu lill-Knejjes Insara tal-bidu, Knejjes li ħafna minnhom huwa stess kien waqqaf waqt l-appostolat missjunarju twil tiegħu.

Twieled Tarsu fejn kien tgħallem il-Grieg, fejn kien tgħallem is-sengħa li jagħmel it-tined u fejn kien irċieva l-ewwel trobbija u formazzjoni intelletwali tiegħu; kien mbagħad intbagħat Ġerusalem fejn kien tgħallem, kif igħid huwa stess, f'riġlejn ir-Rabbi Gamaljel. Billi kien Lhudi, b'ċittadinanza Rumana, il-futur appostlu kien mħejji tajjeb biex jaffronta n-natura kosmopolitana tad-diversi bliet li l-Mulej kellu jsejjaħlu fihom biex jevanġelizza u jxerred il-Bxara t-Tajba tal-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Pawlu spiss jitkellem minnu nnifsu bħala li kien persekutur tal-Knisja. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna dak li jikteb San Luqa fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. Waqt il-martirju ta' Stiefnu hekk insibu miktub: "Ix-xhieda qiegħdu ħwejjiġhom f'riġlejn żagħżugħ jismu Sawl…Sawl kien fehma waħda magħhom fil-mewt li tawh. Sadattant Sawl kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja; kien jidħol minn dar għal oħra , jaqbad irġiel u nisa u jitfagħhom il-ħabs" (Atti 7, 58; 8, 1.3).

Hija l-esperjenza tal-Mulej Ġesù Irxoxt li tbiddel radikalment il-ħajja ta' Pawlu fit-triq lejn Damasku u tagħmel minnu Appostlu ta' Ġesù Kristu. L-esperjenza ta' Kristu f'Pawlu, jew kif popo-larment nafuha, il-konverżjoni tiegħu, tiġi rrakkuntata għal tliet darbiet fil-Ktieb ta' l-Atti (9, 1-19; 22, 1-16; 26, 12-18). Fuq nota aktar personali Pawlu hekk jiddeskrivi din l-esperjenza ta' fidi fl-Ittra lill-Galatin: "Dan ngħarrafkom, ħuti: l-Evanġelju li ħabbartilkom jien m'huwiex l-Evanġelju tal-bnedmin, għaliex jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu.

Intom smajtu bl-imġieba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha; u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kol-lha ta' mpari, mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti. Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus…" (Gal 1, 11-16). Pawlu jifhem l-esperjenza ta' fidi fit-triq lejn Damasku bħala esperjenza ta' Ġesù Kristu, sejħa divina għall-appostolat, frott il-grazzja ta' Alla. Din il-bidla radikali hija tweġiba għal rivelazzjoni ta' Kristu Irxoxt, rivelazzjoni li biddlet l-għadu f'appostlu ta' Ġesù Kristu.

L-appostolat u l-evanġelizzazzjoni missjunarja ta' Pawlu fid-dinja magħrufa ta' żmienu ttemm il-wegħda ta' Kristu misjuba



**Fuħħar ta' żmien Ġesù:** ***ġarar***



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *platt*

f'Atti 1, 8: "Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art". Fil-fatt, mill-Kapitlu 13 'l quddiem fil-Ktieb ta' l-Atti, Luqa jippreżenta l-attività missjunarja ta' Pawlu bħala appostlu ta' Ġesù Kristu.

Hija l-Knisja f'Antjokja li tikkonferma l-attività missjunarja ta' Pawlu, lil-Lhud u lill-pagani: "Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom'. Mbagħad, wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom"(Atti 13, 2-3).

L-Atti ta' l-Appostli jitkellmu dwar tliet vjaġġi missjunarji kbar. Hija ħaġa ta' l-għaġeb kemm postijiet irnexxielu jżur Pawlu biex ixandar il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu: Selewċja, Ċipru, Antjokja ta' Pisidja, Ikonju, Listra, Derbi, Perġe qabel il-Konċilju ta' Ġerusalem; għal darb'oħra għadda mis-Sirja u ċ-Ċiliċja, daħal fl-Asja Minuri, Filippi, Tessalonika, Berea, Ateni, Korintu, Efesu, Troas, Miletu, Ċesarija eċċ; id-diversi drabi li tela' Ġerusalem, lejn il-Knisja-Omm, il-predikazzjoni kontinwa tiegħu lil-Lhud u lill-pagani eċċ. Ministeru ta' evanġelizzazzjoni miftuħ għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li bil-qawwa tiegħu Pawlu jippriedka, isib il-ħeġġa biex iwaqqaf il-Knejjes u jqawwihom fil-fidi; iżomm kuntatt kontinwu mal-Knejjes il-ġodda, idawwalhom bil-kelma tiegħu permezz tad-diversi ittri li kiteb: lit-Tessalonikin, lill-Korintin, lill-Galatin, lir-Rumani, lill-Filippin, lill-Kolossin, lill-Efesin. Dan kollu bħala tweġiba għas-sejħa divina magħmula lilu, bħala espressjoni ta' l-imħabba intima li kellu għall-Mulej tiegħu Ġesù Kristu u għas-servizz ta' dawk li kien sejjaħ għall-fidi.



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *borma*

Hu b'dan il-kliem li Pawlu jiddeskrivi lilu nnifsu u l-missjoni tiegħu mwettqa taħt l-istendard tat-tbatija: "Huma ministri ta'Kristu? Jiena – ħa nitkellem ta' iblah! – jiena aktar minnhom. Ħafna aktar minnhom fit-taħbit, ħafna aktar minnhom fil-ħabsijiet, aktar u aktar minnhom fis-swat. Bosta drabi sibt ruħi wiċċ imb'wiċċ mal-mewt. Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa nieqsin waħda; tlett darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb'oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt l-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar. għamilt

safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fl-għera! U, biex ma nsemmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha!...(2Kor 11, 23-28).

Meta nżommu quddiem għajnejna is-sejħa ta' Pawlu, l-attività missjunarja tiegħu, il-ħeġġa tiegħu għal Alla u l-għemejjel tiegħu, it-tbatijiet kbar li kellu jsofri għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla, wieħed isaqsi x'kien eżatt li entużjażma lil Pawlu, x'kienet ir-raġuni ta' dan it-taħbit kollu. Hija l-esperjeża profonda ta' l-imħabba ta' Alla li tidher f'Ġesù Kristu u, fl-istess ħin, l-imħabba intima ta' Pawlu mhux biss għas-sejħa tiegħu imma fuq kollox għall-Mulej, Imsallab u Irxuxtat. Hekk jikteb Pawlu fl-Ittra lir-Rumani 8, 31-39: "Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna? Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll...Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla?...Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *platt*

imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna!"

L-appostolat ta' Pawlu huwa offerta ta' ħajja, talba vera magħmula għall-glorja ta' Alla, talba kkaratterizzata mill-fedeltà, mill-perseveranza, mit-tbatija u saħansitra bil-mewta tiegħu f'Ruma, martirju li huwa għeluq xieraq għaż-żelu u l-attività ta' dan il-qaddej ta' Kristu. Fit-tieni ittra lil Timotju għalhekk, Pawlu jista' tabilħaqq jagħtina t-testment ħaj tiegħu: "Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'saġrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu" (4, 6-8).



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *platti*

*Kitba ta' Marcello Ghirlando OFM*

# L-ittra ta' Ġakbu

Meta nifthu l-Bibbja bil-Malti tal-Għaqda Biblika Maltija, insibu dan il-kliem ta' Introduzzjoni qabel l-Ittra ta' San Ġakbu: "L-Ittra ta' San Ġakbu hi waħda mill-ittri msejjħin Kattoliċi – universali – għax indirizzati lill-insara kollha, jiġifieri din l-ittra, l-Ewwel ta' Ġwanni, it-tnejn ta' Pietru, u dik ta' San Ġuda; magħhom inżidu t-tieni u t-tielet ta' San Ġwann għalkemm dawn huma indirizzati lil żewġ knejjes partikolari. Minkejja li fil-bidu kien hemm xi dubji dwar l-ispirazzjoni tagħhom, barra l-Ewwel ta' Pietru u l-Ewwel ta' Ġwanni, mal-ħames seklu dawn id-dubji għebu.

San Ġakbu kiteb minn Ġerusalem madwar is-sena 48/49 WK lit-tnax-il tribù, il-Knisja kollha, mxerrdin mad-dinja. L-ittra tiegħu fiha tagħlim prattiku għall-ħajja nisranija fost il-pagani u għalhekk tidħol fit-tradizzjoni Biblika tal-Kotba ta' l-Għerf".

## Min kien Ġakbu?

Hemm ħames persuni bl-isem ta' Ġakbu li jissemmew fil-Ġdid Testment. Min kienu u min seta' kien l-awtur ta' din l-ittra?

Irridu l-ewwel u qabel kollox insemmu lil Ġakbu, ħu Ġwanni, ulied Żebedew (Mk 1, 16-20). Dan kien wieħed mill-ewwel appostli li ġew imsejħa minn Ġesù u wieħed miċ-ċirku intimu, flimkien ma' Pietru u Ġwanni, li kienu xhud tal-mumenti mportanti tal-ħajja ta' Ġesù, bħat-Trasfigurazzjoni u t-talba ta' Ġesù fil-Ġetsemani. It-tradizzjoni nisranija dejjem tat il-laqam "il-kbir" lil dan Ġakbu biex tagħmel differenza minn Ġakbu "ż-żgħir", bin Alfew. Ġakbu ġie maqtul mis-Sultan Erodi Agrippa I fis-sena 44 wara Kristu, kif insibu f'Atti 12, 2: "Huwa qabad lil Ġakbu, ħu Ġwanni, u qatgħalu rasu". Dan Ġakbu mhuwiex l-awtur ta'l-ittra.

Hemm imbagħad Ġakbu, bin Alfew. Dan jissemma fil-lista ta' l-Appostli (Mt,10,3; Mk 3, 18; Lq 6, 15; Atti 1, 13). Ftit nafu fuqu u x'aktarx huwa l-istess Ġakbu, bin Marija ta' Kleofa, li kienet preżenti taħt is-salib flimkien ma' Marija omm Ġesù (Mt 27, 56; Mk 15, 40; 16, 1; Lq 24, 10; Ġw 19, 25). Kien San Ġirolmu li ppropona li Ġakbu, bin Alfew, kien fil-fatt l-awtur ta' l-ittra li ġġib ismu fil-Ġdid Testment.

Fl-aħħarnett, hemm Ġakbu "ħu l-Mulej". "Ħut il-Mulej" (1 Kor 9, 5; Mk 6, 3) huma qrabatu. Dan Ġakbu ma kienx dixxiplu tal-Mulej, imma jidher li kkonverta fi żmien bikri, forsi wara l-qawmien tal-Mulej (1 Kor 15, 7; Atti, 1, 14). Dan Ġakbu ħa f'idejh it-tmexxija tal-Knisja f'Ġerusalem u sar wieħed mill-mexxejja l-aktar importanti, kif jindika l-appos-tlu Pawlu f'Gal 2. Kien hu li mexxa l-Konċilju ta' Ġerusalem (Atti 15). L-istoriku Lhudi Josephus Flavius igħid li dan Ġakbu ġie maqtul fuq ordni tal-Qassis il-Kbir Ananus. L-istoriku tal-Knisja, Ewsebju minn Ċesarija, jikteb li Ġakbu ġie maqtul fis-sena 67, ftit qabel Vespażjanu beda jattakka lill-belt ta' Ġerusalem. Irridu hawn niftakru wkoll li dan Ġakbu kien meqjus bħala l-esponent prinċipali ta' l-Insara ġejjin minn nisel Lhudi fl-ewwel seklu ta' l-istorja tal-Knisja. Huwa dan Ġakbu li tradizzjonalment huwa meqjus bħala



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *imsiebaħ*

l-awtur ta' Ittra li fil-Ġdid Testment iġġib ismu.

Ix-xhieda li Ġakbu huwa l-awtur ta' din l-Ittra hija qawwija, anke jekk hemm min ippropona li l-Ittra ngħatat l-isem "ta' Ġakbu", biex ikollha awtorità fis-snin bikrija ta' l-istorja tal-Knisja. Hemm min saqsa kif bniedem mill-Galilija seta' kien imħarreġ biżżejjed biex jikteb ittra bil-grieg raffinat.

Imma ħadd ma' jista' jipprova li dan Ġakbu kien fil-fatt imħarreġ u anke influwenzat minn idejat Ellenistiċi. Imbagħad ma rridux ninsew li kemm-il darba, l-awturi fil-Ġdid Testment inqdew ukoll bis-segretarji għall-kitbiet tagħhom. Ġakbu kien rappreżentant tal-Insara ġejjin minn nisel Lhudi u fil-fatt din l-ittra tidher li hija miktuba lill-udjenza Lhudija-Nisranija. Fil-fatt, fl-Ittra, wieħed isib ħafna allużjonijiet għall-Antik Testment u t-tradizzjoni Lhudija; hemm imbagħad l-istqarrija Lhudija li "Alla huwa wieħed" (2, 19); it-traduzzjoni "il-laqgħat tagħkom" (2, 2) tista' tiġi tradotta "fis-sinagogi tagħkom". Dawn huma ħjiel li jistgħu jgħinuna nifhmu li din l-ittra nkitbet f'kuntest Lhudi, kuntest bħalma nissoponu li kien l-ambjent tal-Knisja-Omm ta' Ġerusalem.

Il-qarrejja huma deskritti bħala "it-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja", allużjoni għall-Insara ta' nisel Lhudi li tferrxu mad-dinja wara l-martirju ta' Stiefnu u l-persekuzzjoni li qamet kontra l-Knisja f'Ġerusalem. L-ittra tixhed għall-istat ta' taqlib fuq kull livell li l-belt ta' Ġerusalem għaddiet minnu fis-snin li wasslu għar-rewwixta kontra r-Rumani bejn is-snin 67-70 wara Kristu. Hu forsi għalhekk li l-ittra ssemmi l-vjolenza, il-korla u l-qtil. Dan kollu jkompli jsaħħaħ il-fehma li dan Ġakbu huwa fil-fatt l-awtur ta' l-Ittra.

### Ittra jew Kitba?

Imma din hija Ittra jew kitba mod ieħor? Minn barra tidher bħala ittra għax għandna tislija introduttiva li tixhed għal dan: "Ġakbu, qaddej ta' Alla u tal-Mulej Ġesù Kristu, lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja: sliem". Iżda mbagħad ma nsibux konklużjoni; b'differenza mill-Ittri ta' Pawlu, ma nsibux rikordji personali u lanqas ma jiġu msemmija xi problemi partikulari konkreti li jista' jkollhom kuntest storiku preċiż.

Aktar milli Ittra fis-sens strett tal-kelma, nistgħu ngħidu li għandna kitba li tista' tissejjaħ "kattolika", fis-sens li hija tajba għall-knejjes kollha. Għandna speċi ta' kitba-tħeġġiġa lill-ewwel insara biex igħixu ħajja tajba u mimlija virtujiet.

Hija mibnija fuq l-Antik Testment, b'mod partikulari t-tradizzjoni Sapjenzjali. Huwa jipprova jħeġġeġ lill-ewwel insara jħarsu lejn id-dinja bil-lenti tal-fidi tagħhom f'Alla u f'Ġesù Kristu, il-Mulej tagħhom, u t-tagħlim tiegħu. Kitba-tħeġġiġa li ċertament hija valida sallum, ġaladarba hija wkoll Kelma ta' Alla. Kitba-tħeġġiġa li mhux faċli taqsamha f'taqsimiet ċari u distinti għal raġunijiet ta' studju jew ta' tagħlim.

Nistgħu ngħidu li din l-ittra jew kitba-tħeġġiġa hija ġabra ta' pariri fuq l-imġieba tajba mogħtija lil dawk li jemmnu; hija kitba li tindika liema mġieba hija konformi għall-fidi u liema hija l-imġieba li n-nisrani għandu jevita. U ġaladarba l-kitba ta' Ġakbu hija aktar interessata fuq l-imġieba, irridu ngħidu mela li huwa ftit jagħfas fuq il-prinċipji tal-fidi u r-riflessjoni teoloġika. Dawn jissemmew indirettament meta jrid jagħti raġuni għall-imġieba nisranija li huwa qiegħed jipproponi.

F'din il-kitba nistgħu ngħidu li nsibu insistenza fuq



**Fuħħar ta' żmien Ġesù: *musbieħ***



## Fuħħar ta' żmien Ġesù: *ingwentarju*

l-għażla ta' l-għerf veru, għerf li ġej mingħand Alla; l-importanza li l-fidi ma tkunx biss aċċettazzjoni intellettwali imma li tkun fidi ħajja tidher fl-għemejjel ta' l-imħabba; li wieħed ma jinsiex is-sejħa għall-perfezzjoni, sejħa li tfisser li wieħed għandu jimxi fit-triq ta' l-ubbidjenza lejn il-kelma ta' Alla; u dan kollu b'viżjoni miftuħa għall-ħajja ta' dejjem u l-ġudizzju li għandu jsir mill-Mulej.

### Taqsim tal-Ittra/Kitba u kontenut

Diġà għidna li din l-ittra mhix faċli li wieħed jaqsamha f'taqsimiet ċari u distinti. Diversi ppruvaw imma t-taqsimiet mhumiex dejjem ġustifikati. Taqsima f'unitajiet letterarji saret minn K. Kurzdofer u forsi hija t-taqsima l-aktar popolari li ġiet adottata mill-istudjużi. Dan l-istudjuż jaqsam l-ittra fi sbatax-il unità letterarja. Ser nippreżentahom bil-vers introduttiv tagħhom.

**I Ġak 1, 1-11:**

"Ġakbu qaddej ta' Alla". F'dawn il-vrus Ġakbu iħeġġeġ lill-insara jistabru fit-tiġrib li miegħu kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom. Ifakkarhom li s-sabar iwassal ukoll għall-perfezzjoni nisranija. U dan mhux mertu tal-bniedem, imma huwa mertu ta' Alla li jagħti l-għerf veru lil dawk li jitolbuh dan id-don bil-fidi. Il-fqir, minkejja l-istima baxxa li jirċievi mill-bnedmin, huwa kbir f'għajnejn Alla. L-għana hija transitorja u tgħaddi bħal kollox. "Ħa jiftaħar ħuna l-fqir li Alla għollieh u l-għani jiftaħar fl-umiljazzjoni tiegħu".

**II Ġak 1, 12-18:**

"Hieni l-bniedem li jistabar bit-tiġrib". F'dawn il-vrus insibu stedina biex wieħed jistabar bit-tiġrib, jissielet kontra t-tentazzjoni għall-ħażen: "Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh". Ġakbu jinsisti li t-tiġrib mhuwiex ġej minn Alla; it-tiġrib ġej mill-passjoni tal-bniedem li ma tiġix immexxija lejn it-tajjeb: "imbagħad il-passjoni, meta tnissel, tiled id-dnub; u d-dnub, meta jilħaq il-milja tiegħu, iġib il-mewt". Il-vrus 17 u 18 huma stqarrija mill-isbaħ: kull don ġej minn Alla, anke d-don tal-ħajja ġdida frott il-fidi. "Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema, jinżel mingħand il-Missier, l-għajn tad-dawl, li fih ma hemm ebda tibdil anqas dell ta' tidwir Għax ried hu, wellidna bil-kelma tal-verità biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu".

**III Ġak 1, 19-27:**

"Kunu afu dan, ħuti għeżież". Hawnhekk Ġakbu jħeġġeġ lill-insara biex ikunu minn dawk li jisimgħu u jgħixu l-Kelma ta' Alla: "Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom….imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fl-għemil tiegħu". Kull min jisma' u jagħmel il-kelma jsib il-qawwa biex jeħodha kontra l-korla, irawwem is-smiegħ u l-ħlewwa fih innifsu, irażżan ilsienu, u jinfetaħ għall-bżonnijiet ta' l-iltiema u r-romol. Din hi l-qdusija.

**IV Ġak 2, 1-13:**

"Ħuti, tħalltux il-fidi f'Ġesù Kristu, il-Mulej tagħna tal-glorja, mal-ħarsien lejn l-uċuħ". Ġakbu jeħodha bil-qawwa kontra l-ipokrisija, kontra dawk li jippreferu l-għonja, anke fl-assembleja liturġika, a skapitu tal-foqra li jiġu mwarrba. Il-liġi ta' l-imħabba tal-proxxmu hija liġi li twarrab il-preferenzi. U hemm raġuni solida għal dan: "m'hux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnu fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh?" Anke f'din il-ħaġa n-nisrani għandu jaħdem għall-perfezzjoni:

"Hekk għandkom titkellmu u hekk għankom iġġibu ruħkom, bħallikieku wasaltu biex isir ħaqq minnkom taħt liġi ta' ħelsien. Għax il-ħaqq ikun bla ħniena għal min ma jurix ħniena; u l-ħniena tirbaħ fuq il-ħaqq".

**V Ġak 2, 14-26:**

"X'jiswa', ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu?". U dan il-vers jispjega tajjeb it-tħeġġiġa ta' Ġakbu. "Il-fidi, jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta fiha nfisha". Ġakbu jinsisti li l-fidi mhix biss aċċettazzjoni intellettwali. Trid tidher fl-għemejjel ta' karità. Mhux biżżejjed tgħid li temmen; fl-aħħar mill-aħħar anke x-xitan jemmen li Alla huwa wieħed, imma b'daqshekk il-fidi tiegħu ma tiswa' xejn. Ġakbu jġib l-eżempju ta' Abraham u ta' Raħab iż-żienja: it-tnejn ġew ġġustifikati minħabba l-fidi li dehret fl-għemil, wieħed bl-offerta ta' Iżakk u l-oħra għax laqgħet il-messaġġiera u bagħtithom minn triq oħra. "Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ hu mejjet, hekk ukoll hi mejta l-fidi mingħajr għemil".

**VI Ġak 3, 1-12:**

"Ħuti, la ssirux ħafna minnkom għalliema". Din il-parti tibda b'din it-tħeġġiġa li tfakkar fir-responsabiltà kbira ta' min igħallem. Dan id-diskors isir biex igħaddi biex ifakkar lill-insara fuq il-qawwa ta' l-ilsien, biċċa żgħira minn ġisimna imma qisu l-ilġiem li jrażżan iż-żiemel u t-tmum li jmexxi l-bastiment u n-nar li jqabbad il-foresta. Kliem Ġakbu hu ċar biżżejjed biex jinftiehem waħdu! "...u l-ilsien huwa nar, huwa dinja ta' ħażen fost il-membri ta' ġisimna, iniġġes



Fuħħar ta' żmien Ġesù: *klamar*

il-ġisem kollu u jkebbes ir-ritmu tal-ħajja, hu nnifsu mkebbes mill-infern. Kull xorta ta' bhejjem u għasafar, kull xorta ta' bhejjem li jitkaxkru ma' l-art u ta' ħut, dawn kienu u huma mmansati mill-bnedmin. Iżda ħadd ma għandu ħila jimmansa l-ilsien; kollu deni, bla kwiet, mimli velenu li jġib il-mewt. Bih aħna nbierku lill-Mulej, lil Missierna, u bih nisħtu lill-bnedmin xbieha ta' Alla. Minn ilsien wieħed joħorġu l-barka u s-saħta. Dan m'għandux ikun ħuti. Jaqaw jista' jnixxi ilma ħelu u ilma salmastru mill-istess għajn? U, ħuti, tista' s-siġra tat-tin tagħmel iż-żebbuġ. Tista' d-dielja tagħmel it-tina? L-ilma mielaħ ma jsirx ilma ħelu".

**VII Ġak 3, 13-18:**

"Hemm xi ħadd għaref u għaqli fostkom?". F'dawn il-ftit vrus Ġakbu jqiegħed kontra xulxin l-għerf tas-sema u l-għerf ta' l-art. Dan ta' l-aħħar jidher fil-għira, fl-imrar, fil-ħsieb għall-ġlied. Il-għerf tas-sema, hu għerf safi, u jidher fit-tjubija, fil-ħlewwa, huwa kollu ħniena u frott tajjeb, ma jħarisx lejn l-uċuħ u huwa bla qerq. Huwa għerf li jfittex is-sliem u jkollu l-frott tal-ġustizzja.

**VIII Ġak 4, 1-10:**

"Mnejn hu ġej il-ġlied u t-tilwim bejnietkom?". It-tweġiba jagħtiha Ġakbu stess: "mill-passjonijiet li hemm jitqabdu f'ġisimkom". U l-għerq ta' dan kollu hu għaliex l-insara jitolbu ħażin! "Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin: titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-xalar!" Alla jrid li min jemmen jgħożż id-don tal-Ispirtu fih u ma jagħmilx kompromessi mal-ħażen; u dan fi spirtu kbir ta' umiltà u ta' fidi f'Alla li minnu jiġi kull ġid. Hawn hi t-tweġiba ta' Ġakbu: "Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom. Ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom."

**IX Ġak 4, 11-12:**

"Toqogħdux tqassu fuq xulxin, ħuti". Tħeġġiġa oħra biex in-nisrani ma jqassasx fuq ħuh, għax b'hekk ikun qiegħed jagħmilha ta' mħallef u jiġġudika lill-istess ħuh. "Wieħed biss huwa l-Imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika lil ħaddieħor?"

**X Ġak 4, 13-17:**

"Issa ejjew,intom li tgħidu". F'dawn il-vrus Ġakbu jerġa' jfakkar li t-tajjeb ġej minn Alla. Il-bnie-



**Fuħħar ta' żmien Ġesù: *ġarra***

dem li jemmen fih ma jqiegħedx it-tama fih innifsu imma fuq Alla biss, u jgħix dejjem fl-ispirtu ta' fiduċja li twasslu biex jgħid: "Jekk Alla jrid." Hemm stqarrija nteressanti fil-vers 17: "Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel dnub".

**XI Ġak 5,1-6**

"Ejjew issa, intom l-għonja, ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom!". Ftit vrus li jkomplu jinsistu fuq dak li ntqal qabel: misħut l-għani li jqiegħed it-tama tiegħu f'ġidu; jiġifieri miskin il-bniedem li jafda biss fil-kapaċitajiet tiegħu, fil-ġid tiegħu. Għad jasal jum il-ħaqq fuq kulħadd, speċjalment fuq min kien inġust ma' għajru.

**XII Ġak 5, 7-8:**

"Ħuti, stabru, sa ma jasal il-Mulej". Għandna tħeġġiġa oħra għas-sabar. Jum il-Mulej għad jasal tassew. In-nisrani huwa dak li jistenna bis-sabar, bħall-bidwi li jistenna b'sabar kbir il-frott għażiż ta' l-art. "Stabru intom ukoll; qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib".

**XIII Ġak 5, 9-11:**

"Tgergrux kontra xulxin, ħuti". Tħeġġiġa oħra biex wieħed jaffronta t-tbatija u s-sabar. In-nisrani jiftaħ il-Kelma ta' Alla u bħala eżempju jieħu l-Profeti. "...ħudu l-profeti li tkellmu f'isem il-Mulej. Dawk li żammew sħiħ sa l-aħħar, araw, aħna nqisuhom hienja". Anke Ġob jiġi ppreżentat bħala eżempju ta' sabar.

**XIV Ġak 5, 12:**

"Imma fuq kollox, ħuti; la taħilfux". Vers li jħeġġeġ għas-sinċerità u l-verità f'dawk li jemmnu. "La taħilfux, u la bis-sema u la bl-art, u tieħdu ebda ġurament ieħor; iżda ħallu l-"iva" tagħkom ikun "iva" u l-"le" tagħkom ikun "le", biex hekk ma tkunux ikkundannati".

**XV Ġak 5, 13-15:**

"Hemm xi ħadd fostkom imnikket? Ħalli dan jitlob". Tħeġġiġa oħra magħmula bil-qalb biex l-insara jduru lejn il-Mulej fit-talb, f'kull mument, kemm fin-niket kif ukoll fil-ferħ. B'mod partikulari huma msejħa biex iduru lejn il-Mulej fil-mument iebes tal-mard: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ il-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajjmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu".

**XVI Ġak 5, 16-18:**

"Stqarru wieħed lill-ieħor in-nuqqasijiet tagħkom u itolbu għal xulxin". In-nisrani jibqa' mħeġġeġ biex jitlob f'kull mument. Huwa mħeġġeġ jidħol fit-talb anke għal ħuh li jkun naqas. Bħala eżempju għandna lill-Elija li daħal bit-talb għall-poplu tiegħu. "It-talba tal-bniedem ġust magħmula bil-ħerqa għandha qawwa kbira".

**XVII Ġak 5, 19-20:**

"Ħuti, jekk xi ħadd minnkom jitbiegħed mis-sewwa". L-aħħar tħeġġiġa. In-nisrani huwa mħeġġeġ mhux biss jitlob għal min jonqos jew għal min jidneb. Għandu wkoll iwassal għall-konverżjoni 'l min jidneb: "Jekk xi ħadd minnkom jitbiegħed mis-sewwa u xi ħaddieħor iġibu lura, dan għandu jkun jaf li min iressaq lura mit-triq il-ħażina 'l xi midneb, jeħles ruħu mill-mewt u jostor kotra ta' dnubiet".

Meta wieħed iżomm quddiem għajnejh dan il-kuntest kollu, wieħed jifhem aktar għaliex il-kitba ta' Ġakbu sejjaħnilha kitba fi spirtu tat-tradizzjoni Sapjenzjali ta' l-Antik Testment. Hija kitba, kliem ta' tħeġġiġ, li tqanqal in-nisrani jfittex l-għerf veru tal-ħajja, l-għerf li jiġi mill-fidi f'Ġesù Kristu u tidher kontinwament fi kwalunkwe espressjoni jew għemil ta' mħabba, kemm fil-persuna nnifisha u kemm fir-relazzjonijiet ma' l-oħrajn.

*Kitba ta' Marcello Ghirlando OFM*

# P. Gabriele M. Allegra OFM Appostlu tal-Kelma fiċ-Ċina



P. Gabriele M. Allegra OFM twieled nhar is-26 ta' Jannar 1907 f'San Giovanni La Punta, Catania. Il-ġenituri tiegħu kienu Rosario Allegra u Giovanna Guglielmino. Kien l-ewwel wild minn tmienja, erba' subien u erbat ibniet. Ġie mgħammed nhar il-5 ta' Jannar 1908 u ġie mogħti l-isem ta' Giovanni u Stefano.

Il-ġenituri tiegħu kienu foqra imma reliġjuzi ħafna. Missieru kien bidwi u ommu kienet mara tad-dar. Minkejja li ma kellhiex ħafna skola kienet taqra ħafna ħajjiet tal-qaddisin u kienet tisma' tajjeb il-Kelma ta' Alla. Kienet omm eżemplari fit-trobbija ta' wliedha.

Giovanni, minn ċkunitu, wera li kellu intelliġenza u memorja mhux komuni, imħabba għall-istudju li kienet tispikka fost il-kontemporanji tiegħu.

Kien tifel mimli ħajja, ferħan u dejjem bit-tbissima fuq fommu. Kien ħabib ta' kulħadd, l-ewwel fil-klassi u l-ewwel fost l-abbatini tal-Knisja Parrokkjali.

Fl-14 ta' Diċembru 1918 huwa daħal fil-Kullegg Serafiku ta' San Biagio f'Acireale u baqa' hemm għal ħames snin. Bil-mod kif kien iġib ruħu kien jesprimi ferħ intern u l-intelliġenza u l-imħabba għall-istudju għamlu li kien jibbrilla fost sħabu.

Fit-13 ta' Ottubru 1923 għamel il-Vestizzjoni fl-Ordni Franġiskan u beda s-sena tan-Novizzjat tiegħu fil-Kunvent ta' San Vito, f'Bronte. Fil-Vestizzjoni ngħata l-isem ta' Fra Gabriele Maria. Waqt in-novizzjat tħarreg fil-qdusija, fid-devozzjoni lejn il-Madonna u lejn San Franġisk.

Nhar id-19 ta' Ottubru 1924 għamel l-ewwel Professjoni Sempliċi tiegħu. Intbagħat Acireale biex ikompli l-istudji umanistiċi u filosofiċi tiegħu.

Waqt li kien qed jistudja f'Acireale kien ukoll jgħallem il-Franċiż u jissupplixxi l-għalliema tal-Latin u tal-Grieg.

Fl-1926 talab lill-Kummissarju Provinċjali ta' Sqallija, Fra Innocenzo Albanese, li jkun mibgħut Ruma, fil-Kulleġġ ta' Sant'Antnin, biex ikun jista' jħejji ruħu għall-ħajja missjunarja. It-talba tiegħu ġiet milqugħa u wasal Ruma fl-14 ta' Settembru 1926.

B'hekk seta' jibda l-Kors tat-Teoloġija. Huwa dejjem kien jiftakar b'nostalġja fis-snin li kien għadda Ruma jħejji ruħu għas-saċerdozju. Kien iqishom bħala l-isbaħ snin u s-snin l-aktar deċisivi tal-ħajja tiegħu. Għaraf li s-superjuri, il-professuri u sħabu kollha kellhom influwenza pożittiva fuq il-formazzjoni spiritwali u ntellettwali tiegħu. Kulħadd kien iġibu għad-devozzjoni tiegħu, għall-entużżjażmu missjunarju li kellu, għall-mod ferħan u mimli mħabba li bihom kien igħix il-ħajja tiegħu.

Irridu niftakru li kienu diversi l-esperjenzi li messewlu qalbu f'dan iż-żmien: il-kuntatt li kellu ma P. Cipriano Silvesti, ex-missjunarju fiċ-Ċina u direttur tar-rivista 'Le Missioni Francescane'; l-atmosfera missjunarja fil-Kulleġġ wara l-Ittra Enċiklika tal-Ministru Ġeneral P. Bernardino Kumpler fuq il-ħidma missjunarja; l-Ittra Pontifiċja ta' Piju XI fl-okkażjoni tas-sitt ċentinarju mill-mewt tal-Beatu Giovanni da Montecorvino (1328-1928), l-ewwel Arċisqof ta' Kambalek (Peking); dan kollu mess il-qalb ta' Fra Gabriele u mtela' bix-xewqa li jmur jaħdem fiċ-Ċina u hemmhekk jaqleb il-Bibbja għaċ-Ċiniż. Dan speċjalment meta sar jaf minn P. Giambattista Kao, li traduzzjoni Kattolika sħiħa tal-Bibbja biċ-Ċiniż kienet għadha ma saritx.

Sadanittant fil-25 ta' Lulju 1929 huwa għamel il-Professjoni Solenni u fl-20 ta' Lulju 1930 ġie ordnat saċer-

dot. Fid-9 ta' Awissu 1930 huwa niżel Sqallija biex jara l-ġenituri tiegħu. Fil-15 ta' Awissu ta' l-istess sena mar jitlob fis-Santwarju ċkejken ta' Santa Maria della Ravanusa, f'San Giovanni La Punta, u hemmhekk għamel wegħda mal-Madonna li jaqleb il-Bibbja għaċ-Ċiniż.

Inkiteb għall-ħames sena ta' studji f'Sant'Antnin, Ruma, studji li kellhom jikkonċentraw fuq il-Missjoloġija. Imma b'ordni tal-Ministru Ġeneral kellu jissospendi dawn l-istudji biex jiffrekwenta l-istudji fl-Iskrittura. L-iskop kien li jitħejja biex igħallem fis-Seminarju reġjonali ta' Hankow, fiċ-Ċina.

F'April tas-sena 1931 kellu jissospendi dan il-kors għaliex kien irċieva ordni li jmur iċ-Ċina biex hemmhekk imexxi s-Seminarju Minuri ta' Heng Yang, fil-Provinċja ta' Hunan. Peress li kellu jitlaq mill-ewwel, lanqas ċans jinżel Sqallija jżur il-ġenituri tiegħu ma kellu. F'Ruma seta' biss isellem lil żewġ ħutu Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, Swor Agata u Swor Paola. Fil-fatt, fil-31 ta' Mejju 1931 telaq għaċ-Ċina minn Brindisi, flimkien ma P. Marcellino Salamone, il-kumpann missjunarju tiegħu.

Il-vjaġġ bil-baħar kien twil. Waslu Shangai fit-3 ta' Lulju. Komplew il-vjaġġ u waslu Hankow, Changsha u aktar tard, fl-20 ta' Lulju, f'Heng Yang. Kien nhar l-ewwel anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Malajr beda jistudja l-ilsien Ċiniz ma' tliet għalliema: l-għalliem Tzuei, il-Professur Cheng u l-Professur Chiang. Għal ħames sigħat kuljum kien jistudja ċ-Ċiniz u s-Sinoloġija (storja, ġografija eċċ) u għal tliet sigħat kien jistudja l-Iskrittura (grieg, ebrajk, eżeġesi). Il-ħin li kien jifdallu kien iħarreġ il-ħajja spiritwali: talb, uffiċċju divin, qari spiritwali eċċ.

Studja b'tant interess li wara xi erba' xhur fiċ-Ċina kien diġà qed jeżerċita l-ministeru saċerdotali tiegħu fost il-poplu. Kien iqarar, igħammed u saħansitra jgħallem il-katekiżmu u jippriedka biċ-Ċiniż.

Lejn l-aħħar tas-sena 1932 ġie nominat Rettur tas-Seminarju Minuri ta' Heng Yang. Minbarra l-programm intensiv tiegħu ta' studju, issa kellu jagħmilha wkoll ta' Rettur, igħix fost is-seminaristi tiegħu u jħobbhom bil-ħajja tiegħu. Kien igħinhom fil-bżonnijiet kollha tagħhom, isostnihom fid-diffikultajiet tagħhom u jieħu ħsieb il-formazzjoni spiritwali tagħhom.

Is-sigħat ħielsa ta' filgħodu u ta' filgħaxija kien jiddedikahom għall-istudju ta' l-Iskrittura. Fis-sajf tas-sena 1933 mar Changsha, biex jikkonsulta ruħu u jsir jaf il-'Hunan Bible Institute', ix-xogħolijiet bibliċi li kienu saru hemmhekk, u l-produzzjonijiet letterarji u bibliċi tal-Protestanti. Ir-riżultat ta' dawn l-istudji kien artiklu li hu kiteb fl-1934, fil-'Collectanea Commissionis Synodalis' f'Peking, artiklu li bħala titlu kellu 'De quibusdam Christi vitis silice a protestantibus exaratis'.

Wara li ġabar il-kotba li huwa qies bħala essenzjali, beda t-traduzzjoni tal-Bibbja fiċ-Ċiniż nhar il-11 ta' April 1935, Festa tad-Duluri. Kien xogħol li kellu jtul għal għaxar snin, sakemm waħdu temmu fil-21 ta' Novembru 1944 f'Peking.

Il-mawra ta' P. Allegra f'Peking fis-sajf tal-1935 kienet mawra provvidenzjali. Mar hemmhekk wara li ġie mistieden minn Mons. Mario Zanin. Hemmhekk żar il-biblioteka ta' l-Università ta' Fu-Jen, fejn sab il-manuskritt ta' P. de Poirot SJ, li mattmiem tas-sena 1770 u fil-bidu tas-snin 1800 kien ittraduċa kważi l-Antik Testment kollu fiċ-Ċiniż mill-verżjoni Latina, il-Vulgata. Bl-għajnuna ta' P. Theo SVD, fotografu, għamel kopja. Sfortunatament din il-kopja ġiet meqruda mill-Ġappuniżi waqt l-invażjoni tas-sena 1944.

Bil-ħidma ta' Mons Alfredo Bruniera, mid-Delegazzjoni Appostolika, irnexxielu jikseb ukoll minn Londra t-traskrizzjoni ta l-'iSloane Manuscript': din kienet traduzzjoni Ċiniża tat-Testment il-Ġdid, magħmula minn P. Basset MEP, fis-seklu XVII.

F'Ġunju tas-sena 1936 P. Allegra ġie nominat biex ikun Superjur Regolari. Malli rċieva n-nomina kiteb lura lill-Ġeneral P. Leonardo Bello OFM u għarrfu li ma xtaqx jaċċetta; tali uffiċċju ma kienx ser iħallilu ħin biex jiddedika għall-Iskrittura. Il-Ministru Ġeneral fehem il-pożizzjoni ta' P. Allegra u rtira n-nomina.

Ittraduċa l-poema klassika Ċiniza 'Li Sao' tal-poeta Chu Yung tas-seklu III qabel Kristu; dan huwa wieħed mill-awturi Ċiniżi l-aktar diffiċli. Imma ried jagħmel traduzzjoni biex iħarreġ lilu nnifsu fil-lingwa Ċiniża.

P. Allegra baqa' jaħdem kull ħin u kull mument li kien ħieles mid-dmirijiet tiegħu bħala Rettur tas-Seminarju.

Baqa' jittraduċi anke waqt il-bumbardamenti tal-Ġappuniżi waqt il-gwerra li kienet faqqgħet fis-7 ta' Lulju 1937. Dan ix-xogħol kollu bla waqfien kellu effett fuq saħħet P. Allegra. Beda jbati bin-nevrastenia u b'uġigħ kbir f'rasu. B'ordni tat-tabib kellu jmur lura l-Italja. Ħalla Heng Yang nhar it-12 ta' April 1939. Mar Shangai u minn hemmhekk, fl-aħħar ta' Mejju reġa' lura l-Italja.

Fis-6 ta' Ottubru 1939 huwa ltaqa' ma' P. Agostino Gemelli OFM li stiednu jgħallem fl-Università Kattolika. Imma huwa kompla bl-istudji tiegħu u attenda għal diversi korsijiet fl-Istitut Bibliku, korsijiet fuq is-sintassi ebrajka, il-lingwa sirjana, l-elleniżmu u t-Teoloġija tal-Ġdid Testment. Nhar is-6 ta' April 1940 ġie mogħti t-titlu ta' Lettur ġenerali ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

Wara dan mar lejn l-Art Imqaddsa. Malli wasal lura Ruma, fl-1 ta' Novembru 1940 rċieva mill-Ministru Ġeneral l-inkarigu li jkun Prefett tad-Dixxiplina fil-Kullegg ta' Sant'Antnin, f'Ruma. Imma ftit ġimgħat wara, il-Ministru Ġeneral reġa' bagħatu ċ-Ċina.

Telaq fl-20 ta' Diċembru 1940, bl-ajru, dirett lejn Peking via Lisbona, l-Istati Uniti u l-Ġappun. F'Lisbona kellu jieqaf għal madwar xahrejn. Huwa u għaddej mill-Ġappun, f'Kobe, iltaqa' għall-ewwel darba mal-famuż P. Teilhard de Chardin.

Malli wasal Peking ġie nominat Kappillan ta' l-Ambaxxata Taljana u mar igħix qrib il-Knisja ta' l-Immakulata li kienet parti mill-Ambaxxata.

Kien Mons. Zanin li ħeġġu jerġa' jaqbad l-istudji. Ħadem biex jipperfezzjona ċ-Ċiniż tiegħu u kompla t-traduzzjoni ta' l-Antik Testment li kien beda f'Heng Yang. F'Peking temm it-traduzzjoni tal-Kotba Storiċi, kompla u temm il-Kotba Sapjenzjali u dawk Profetiċi.

Fl-istess ħin huwa ddedika ruħu b'żelu appostoliku kbir għall-qrar, għall-predikazzjoni u għaż-żjarat lill-morda. Id-Delegat tal-Ġeneral, P. Alfonso Schnunsenberg OFM, għażlu wkoll bħala Kunsillier tiegħu.



Wara l-armistizju ta' l-Italja mal-Forzi Alleati (8 ta' Settembru 1943), ġew applikati miżuri ripressivi kontra ċ-ċittadini Taljani fiċ-Ċina min-naħa tal-Ġappuniżi. F'dak il-mument P. Gabriele kien Taiyuanfu jippriedka lir-reliġjużi ħutu. Il-Ġappuniżi okkupaw is-sede ċentrali tal-missjoni u żammew ġewwa l-Patrijiet Taljani kollha għal ħmistax-il ġurnata.

F'dan il-perijodu qasir, il-kmandant tal-kamp tah il-permess jibqa' juża l-Bibbja Ebrajka u d-dizzjunarju. B'hekk seta' jittraduċi l-Ktieb kollu ta' Ester.

Wara ħmistax-il ġurnata ġie ordnat imur lura Peking flimkien ma' P. Norberto Oeraċċini u P. Testa tal-PIME. Kellu jkun għad-dispożizzjoni tal-Konslu Ġappuniż, li laqgħu tajjeb għaliex kellu stima kbira lejn P. Allegra.

Wara li fil-21 ta' Novembru 1944 huwa temm l-ewwel stesura tat-traduzzjoni ta' l-Antik Testment, u ħaseb biex iwaqqaf ċentru jew Studju Bibliku. Ried igħaqqad flimkien grupp ta' reliġjużi ħutu flimkien, speċjalisti fix-xjenzi bibliċi u fil-lingwa Ċiniza, li kellhom jikkollaboraw flimkien biex joħorġu reviżjoni sħiħa tat-traduzzjoni tal-Bibbja li hu kien għamel waħdu.

Wara li rċieva l-kunsens tad-Delegat tal-Ġeneral, P. Gabriele ħadem biex iwettaq il-proġett tiegħu: sab erba' Franġiskani li kienu għadhom żgħar, tlieta minnhom llawrejati fil-letteratura Ċiniza: P. Antonio Lee, P. Solano Ly u P. Ludovico Liu; ieħor, llawrejat fid-Dommatika, P. Bernardino Ly.

B'dan il-grupp ċkejken huwa waqqaf l-Istudju Bibliku. Nhar it-2 ta' Awissu 1945 ġie inawgurat uffiċċjalment l-Istudju Bibliku. Preżenti kien hemm id-Delegat tal-Ġeneral, P. Alfonso Schnunsenberg OFM u P. Fortunato Bungarten, superjur tad-Domus Franciscana. L-ewwel sede ta' l-Istitut Bibliku kienet qrib l-Università ta' Fu-jen.

P. Allegra ħejja programm għall-Istudju Bibliku: filgħodu huwa kien igħallem lill-kollaboraturi tiegħu l-Ebrajka, il-Grieg u l-Eżeġesi. Wara nofsinhar imbagħad

kienu jaħdmu fuq ix-xogħol letterarju tal-verżjoni tat-traduzzjoni li huwa kien diġà għamel. Nhar il-15 ta' Settembru 1946 ġew ippubblikati s-Salmi mis-Sede l-ġdida ta' l-Istudju Bibliku f'Ly Kwang Kiao; sena wara, fl-4 ta' Ottubru 1947 ġew ippubblikati l-Kotba Sapjenzjali tal-Bibbja; nhar l-4 ta' Ottubru 1948 ġie ppubblikat il-Pentatewku.

Dan kollu sar minkejja ħafna diffikultajiet. Problema kbira kienet in-nuqqas ta' fondi għall-pubblikazzjoni tal-Bibbja biċ-Ċiniż. P. Gabriele talab l-għajnujna ta' l-Isqfijiet Franġiskani taċ-Ċina. U kollha għenuh, fosthom Mons. Luigi Capozzi OFM, Vigarju Appostoliku ta' Taiyanfu, li ndaħal kemm-il darba biex isalva s-sitwazzjoni finanzjarja.

Sadattant it-truppi komunisti bdew javvanzaw b'suċċess fit-tramuntana taċ-Ċina. Kien għalhekk li ġie deċiż li l-Istudju Bibliku jiġi meħud Hong Kong. Nhar il-15 ta' Awissu 1948 l-ewwel grupp ċkejken ta' kollaboraturi ta' l-Istudju telqu minn Peking. Nhar l-4 ta' Ottubru ġie ppubblikat it-tielet volum ta' l-Antik Testment, il-Pentatewku. Ġurnata wara anke P. Allegra telaq għal Hong Kong. Wasal hemm fit-22 ta' Ottubru.



Malli wasal Hong Kong, l-ewwel xogħol kien li jorganizza l-Istudju Bibliku fid-dar ċkejkna tal-Prokura Franġiskana li kien hemm fi Triq Waterloo. L-ewwel kollaboraturi kienu diġà waslu. F'Novembru wasal minn Peking P. Marco Chen. Għall-aħħar ta' l-istess xahar ingħaqad magħhom ukoll P. Tarcisio Benvegnù, mill-Provinċja ta' Bologna. Il-membri ta' l-Istudju Bibliku issa kienu sebgħa.

Is-sede kienet żgħira ħafna għall-istudju tal-Iskirttura. Spazju ftit kien hemm, anke għaliex ħafna missjunarji mkeċċija miċ-Ċina komunista bdew ġejjin Hong Kong.

P. Gabriele allura beda jfittex sede ġdida, ikbar u tajba għall-iskop ta' l-Istudju Bibliku. Mar Ruma fl-10 ta' Settembru tal-1949 biex jiġbor il-fondi neċessarji għas-sede l-ġdida.

F'Ruma huwa talab l-għajnuna lill-Kongregazzjoni ta' Propaganda Fide. Fit-30 ta' Settembru ġie milqugħ f'udjenza privata mill-Papa Piju XII. P. Allegra ppreżentalu pro-memoria rigward il-bidu, l-attività u l-programm ta' l-Istudju Bibliku; talbu wkoll l-għajnuna neċessarja biex jixtri sede ġdida u tajba għax-xogħol ta' traduzzjoni ta' l-Iskrittura.

Filwaqt li stenna r-risposta tal-Papa, P. Allegra kellu ċ-ċans jinżel Sqallija. Malli wasal Ruma huwa rċieva l-għajnuna neċessarja għall-Istudju Bibliku l-ġdid f'Hong Kong. Nhar is-26 ta' Ottubru huwa reġa' telaq għal Hong Kong.

Hemmhekk xtara dar fi Triq Kennedy u fl-20 ta' Mejju l-kollaboraturi kollha

tiegħu nġabru hemm. Fil-fatt, nhar is-16 ta' Ġunju 1950, P. Alfonso Schnunsenberg OFM bierek id-dar il-ġdida u l-għada, l-Isqof ta' Hong Kong, Enrico Valtorta, bierek il-Kappella u kkonsagra l-artal.

Ix-xogħol reġa' qabad ġmielu fis-sede l-ġdida. Nhar it-8 ta' Novembru ta' l-istess sena ġie ppubblikat it-tieni volum tal-Kotba Storiċi. Is-sena ta' wara ħareġ għall-istampa l-ewwel ktieb tal-Profeti; fl-aħħar ta' dik is-sena ħareġ ukoll il-volum tal-Kotba tal-Profeti Ġeremija u Eżekjel.

Bejn is-snin 1950-52 P. Allegra għex perijodu ntens ta' attività. Kien Prefett ta' l-Istudju Bibliku u kunsillier tad-Delegat tal-Ġeneral, P. Schnunsenberg. Dan, fuq talba tiegħu stess, neħħieh mill-inkarigu ta' superjur tal-komunità u floku qiegħed lil P. Dunstan Put OFM, mill-Belġju. Fl-istess xahar huwa rċieva l-inkarigu mill-inter-nunzju Mons Antonio Reberi, biex jagħmel stesura ta' l-Ittra Pontifiċja 'Cupimus Imprimis'.

Nhar il-25 ta' Marzu 1954, l-Isqof ta' Hong Kong, Mons. Lorenzo Bianchi, ta l-Imprimatur għall-pubblikazzjoni ta' l-aħħar volum ta' l-Antik Testment: il-Ktieb tal-Profeta Danjel u l-Profeti ż-żgħar.

Wara tant xogħol, P. Allegra rċieva l-permess li jieħu lill-kollaboraturi tiegħu l-Italja u l-Art Imqaddsa. Magħhom żar Napli, Pompei u Ruma. F'Ottubru niżel Sqallija biex jara lil qrabatu u mbagħad mar Ġerusalem.

F'Ġerusalem, f'Novembru tas-sena 1954, huwa ppriedka lir-relġijuzi. Għallem kors fuq it-Teoloġija Biblika fil-Vanġelu ta' San Ġwann. Fl-20 ta' Gunju ta' l-1955 reġa' mar l-Italja, filwaqt li l-kollaboraturi tiegħu reġgħu lura Hong Kong.

Wara vjaġġ fi Spanja waqaf Lourdes u reġa' lura Ruma. Hemmhekk irċieva mingħand il-Ġeneral, P. Agostino Sepinski OFM, il-lawrja Honoris Causa fit-Teoloġija. Peress li kellu jibqa' xahar jistenna, hu ħa l-okkażjoni biex jinżel Sqallija u jiċċelebra l-25 sena ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu f'San Giovanni La Punta. Bejn il-5 u t-12 ta' Ottubru ppriedka rtir lill-Franġiskani tal-Provinċja tiegħu, fil-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, f'Palermo.

Huwa u jistenna li jirċievi l-lawrja żar xi kunventi fil-Marche u s-Santwarju ta' Loreto. Fl-aħħar, nhar it-18 ta' Novembru 1955, fl-Awla tal-Pontificio Ateneo Antonianum, ġie mogħti l-lawrja Honoris Causa.

Ftit qabel ma ħalla l-Italja, nhar il-21 ta' Novembru, iltaqa' mas-saċerdot Don Luiġi Sturzo, soċjologu magħruf u fundatur tal-Partit Popolari tal-Kattoliċi fl-Italja. P. Allegra wera lil Don Luiġi l-ħsieb tiegħu li jwaqqaf Studju Soċjoloġiku fil-Lvant Imbiegħed.

Wara li rritorna Hong Kong, P. Allegra u l-kollaboraturi tiegħu bdew jaħdmu biex jittraduċu l-Ġdid Testment. Fil-Ħarifa tal-1957 ħarġu għall-istampa l-erba' Vanġeli; f'Diċembru tal-1959, il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u l-Ittri ta' San Pawl; f'Awissu tal-1961, l-Ittri Kattoliċi u l-Apokalissi.

Sadattant P. Allegra baqa' jaħdem biex iwaqqaf Studju Soċjoloġiku. L-Ordni Franġiskan kien aċċetta l-ideja tal-proġett wara talba ta' P. Allegra u tal-Kongregazzjoni ta'



Propaganda Fide. Wara t-twaqqif ta' dan l-Istudju, id-Delegat tal-Ġeneral, P. Ralh Reilly OFM, talab lill-istess P. Allegra biex ikun hu li jmexxi dan l-Istudju Soċjoloġiku.

P. Allegra, sadattant, kien ġie mistieden jieħu sehem fil-Kungress Ewkaristiku f'Munich. Huwa u ġej lura waqaf Ruma, fejn il-Ministru Ġeneral ikkomunikalu li kellu jkun hu li jmexxi l-Istudju Soċjoloġiku l-ġdid f'Singapore. P. Allegra baqa' perpless għal din id-deċiżjoni, imma obda.

F'dan iż-żmien li kien Ruma, fit-3 ta'Novembru 1960, huwa iltaqa' mal-Papa Gwanni XXIII, waqt udjenza privata. Lill-Papa offrielu kopja ta' l-edizzjoni popolari




tal-Vanġeli biċ-Ċiniż. Reġa' lura Hong Kong, b'waqfa fil-Kajr u f'Ġerusalem.

Peress li kien jaf li ser jit-trasferixxi ruħu f'Singapore, huwa ħadem qatigħ fuq it-traduzzjoni tal-Ġdid Testment.

F'Marzu tal-1961 huwa mar Singapore. Nhar l-14 ta' Lulju huwa ħadem pro-gramm ta' azzjoni għall-Istudju Soċjoloġiku: il-kompi-lazzjoni ta' manwal ta' Etika Soċjali, adattat għall-menta-lità ċiniża; traduzzjoni tal-Enċikliċi Soċjali tal-Papiet, b'noti ta' introduzzjoni; artikli ta' karattru soċjali għall-istampa kattolika ċiniza.

Beda x-xogħol fuq il-Bibljoteka li f'qasir żmien kellha ħmistax-il elf ktieb. Ix-xogħol ta' l-Istudju Soċjoloġiku, matul ħmistax-il sena (1961-1974) deher fil-pubblikazzjoni ta' ħames volumi bid-Dokumenti Pontifiċji ta' karattru soċjali; il-kummentarju ta' l-Enċikliċi Pacem in Terris, Mater et Magistra, Populorum Progressio; il-publikazzjoni ta' xi trattati fuq il-familja u daqs għoxrin ktejjeb ta' natura etika-soċjali.

Il-perijodu f'Singapore (1961-1963) kien għal P. Allegra perijodu qawwi ta' xogħol; dan meta wieħed jiftakar li kellu jmexxi wkoll l-Istudju Bibliku ta' Hong Kong. F'dan il-perijodu huwa kiteb żewg trattati mportanti ta' natura soċjo-loġika: 'De doctrina sociali christiana' u 'Tractatus de Ecclesia et de Statu'.

Peress li ma setax ikom-pli jmexxi ż-żewg Studji kon-temporanjament, il-Ministru ġeneral neħħielu r-respon-sabilità ta' l-Istudju Soċjoloġiku u b'hekk P. Allegra seta' jirritorna Hong Kong.

Meta wasal fl-1963, huwa ħejja l-kriterji biex issir reviżjoni tal-Bibbja Ċiniża.

Fis-sena 1964 P. Allegra kellu kuntatti frekwenti mal-Protestanti. Fit-23 ta' Jannar huwa ħa sehem, għall-ewwel darba, fil-ġimgħa ta' talb għall-Għaqda ta' l-Insara fil-Kattidral Anglikan ta' Hong Kong. Nhar is-26 ta' Mejju ppriedka rtir lis-seminaristi Anglikani. Nhar l-4 ta' Lulju, filwaqt li kien rikoverat l-isptar, irċieva żjara mir-Rev. Lowis, direttur ta' l-Assoċjazzjoni Biblika ta' New York; u dan biex flimkien jaħdmu għall-pub-blikazzjoni tal-Ġdid Testment għall-ghomja, bil-verżjoni Ċiniża ta' l-Istudju Bibliku.

Bejn is-27 u d-29 ta' Jannar tas-sena 1965 ġiet organizzata Konferenza Biblika Interkonfessjonali f'Kowloon; għal din il-kon-ferenza ħa sehem P. Allegra flimkien ma xi kollaboraturi tiegħu. Mill-20 sat-22 ta' April ta' l-istess sena, huwa organizza wirja biblika f'Hong Kong flimkien mal-Bible Societies tal-Protestanti. Għal nofs Lulju 1966 huwa pparteċipa f'Kungress Interkonfessjo-nali li sar f'Tokyo, fil-Ġap-pun.

Fl-istess sena huwa ħa sehem fil-Kungress Skotistiku Internazzjonali f'Oxford; hemmhekk huwa tkellem fuq 'Il-Primat ta' Kristu f'San Pawl u fi Skotu fid-djalogu ma' P. Teilhard de Chardin'. Minn Oxford għadda Munich, Ruma, Sqallija u Ġerusalem.

Matul is-sena 1967 kien impenjat fir-reviżjoni tal-Bibbja Ċiniża biex setgħet tiġi ppubblikata f'volum wieħed.

Fix-xhur ta' Mejju u Settembru 1967 kien imur spiss Macau biex jippriedka u fl-istess ħin ikompli jaħdem fuq ir-reviżjoni tal-Bibbja. Dan ix-xogħol wasal ukoll biex jagħti l-frott. Nhar il-25 ta' Diċembru 1968 ħarġu l-ewwel kopji tal-Bibbja Ċiniza f'volum wieħed; kien għalhekk li din il-Bibbja ssejħet 'tal-Milied' jew 'Il-Bibbja ta' Betlem'.

*(ikompli f'paġna 352)*
*(ikompli minn paġna 340)*



# San Franġisk u s-Sultan

*Il-bidu tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent*

*Jikteb P. Noel Muscat ofm*

Franġiskani fl-Art Imqaddsa

# Il-bidu tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent (1)

Il-kronaki li nkitbu barra mill-Ordni Franġiskan fis-seklu XIII huma l-aktar għajn tajba biex nifhmu b'mod ċar biżżejjed dak li seħħ matul il-vjaġġ missjunarju li San Franġisk għamel fl-Orjent bejn Ġunju 1219 u Frar 1220. L-aktar għajn awtorevoli hi dik ta' Jacques de Vitry, kontemporanju ta' Franġisku. Imwieled f'Vitry-sur-Seine, sar kappillan ta' Argenteuil, qrib Pariġi, u mbagħad kanonku f'Oignies, fid-djoċesi ta' Namur. Kien kunsillier spiritwali ta' Marie d'Oignies, u ħa ħsieb il-moviment tal-Beguins fil-Belġju. Fl-1216 mar Perugia, fejn kien għadu kemm miet il-Papa Innoċenz III fis-16 ta' Lulju, u hemmhekk ġie kkonsagrat isqof ta' Akri, fl-Art Imqaddsa, mill-Papa Onorju III. Kien f'Perugia li Jacques de Vitry ġie f'kuntatt ma' dawk li jsejjaħ "irġiel u nisa, għonja u sekulari, li ħallew kollox għal Kristu u ħarbu mid-dinja, u li jisimhom Patrijiet Minuri". Dan hu l-ewwel riferiment għall-għamla ta' ħajja apostolika tal-Minuri mogħti minn persunaġġ li mhux membru ta' l-Ordni, u li allura għandu l-valur li hu 'l fuq minn kull polemika fil-famuża kwestjoni ta' l-għejjun medjevali Franġiskani. Ir-riferiment insibuh f'ittra li Jacques de Vitry kiteb f'Genova fl-1216, qabel ma salpa lejn Akri.

Il-kuntatt ma' Franġisku u ma' l-aħwa tiegħu issaħħaħ matul il-perjodu pjuttost qasir li fih il-Fqajjar kien jinsab fl-Eġittu. Jacques de Vitry kien diġà hemm, wara li mar jakkumpanja l-ħames kruċjata f'Damietta f'Mejju 1218. F'ittra li kiteb f'Damietta fl-1220, kif ukoll fl-istorja tiegħu, imsejħa *Historia Occidentalis*, hu jagħtina rakkont awtorevoli ta' l-inizjattiva unika u kuraġġuża ta' Franġisku li minn jeddu jgħaddi għand l-"infidili" Misilmin, u jibda tradizzjoni ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet li kien għal kollox evanġeliku u li qatt ma ġie nieqes matul tmien sekli ta' storja ta' l-Ordni Franġiskan. Sejrin nippruvaw insegwu l-fil tad-diskors ta' Jacques de Vitry, bl-għajnuna ta' xhieda oħrajn u kronaki tas-seklu XIII, li nsibuhom miktubin barra mill-ambitu Franġiskan, kif ukoll bl-għajnuna ta' fonti dokumentati li ġejjin mill-Ordni Franġiskan. Se nsegwu l-parir awtorevoli ta' Kajetan Esser OFM, li jippreferi qabel xejn janalizza l-għejjun li twieldu barra mill-kontroversji tal-fraternità Franġiskana tal-bidu u dawk ta' l-ewwel ġenerazzjonijiet ta' patrijiet wara l-mewt ta' San Franġisk. Fost dawn l-għejjun irridu nqisu li għandhom importanza primarja dawk li ġejjin mix-xhieda li ma kienux membri ta' l-Ordni, u mbagħad, dawk li ġejjin minn dawk ix-xhieda li raw b'għajnejhom lil San Franġisk u għexu miegħu.

### Franġisku u s-Sultan skond ir-rakkont ta' Jacques de Vitry u l-kronisti tal-ħames kruċjata

Vitry hu l-aktar xhud qadim u kredibbli rigward dak li ġara matul il-ħames kruċjata, u rigward dak li miegħu kellu x'jaqsam San Franġisk. Hu kiteb ittra minn Damietta fl-1220, meta Franġisku kien għadu fil-kamp tal-kruċjati. L-ittra inkitbet wara li l-eżerċtu kruċjat rebaħ il-belt ta' Damietta fil-5 ta' Novembru 1219, wara li n-nies tal-belt kienu nqerdu minn pesta terribbli. Wara li jitkellem mir-rebħa tal-belt u mill-ingress solenni tal-kardinal legat Pelagio fit-2 ta' Frar 1220, Jacques de Vitry ikompli jitkellem dwar Franġisku u l-patrijiet tiegħu:

«L-imgħallem ta' dawn l-aħwa, jiġifieri l-fundatur ta' dan l-Ordni, li ġie għand l-eżerċtu tagħna, imqabbad mill-ħeġġa tal-fidi, ma kellux biża li jmur f'nofs l-eżerċtu ta' l-għedewwa tagħna, u għal diversi ġranet ippriedka lis-Saraċini l-kelma ta' Alla, imma mingħajr ħafna frott. Imma s-Sultan ta' l-Eġittu, fil-moħbi, talbu biex jitlob għalih lill-Mulej biex, bl-ispirazzjoni divina, jkun jista' jżomm sħiħ ma' dik ir-reliġjon li l-aktar togħġob lil Alla».

## Il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa

Riferiment ieħor, din id-darba aktar dettaljat, dwar il-laqgħa ta' Franġisku mas-Sultan ta' l-Eġittu, jingħata mill-istess Vitry fl-*Historia Occidentalis*, fil-kapitlu 32, bit-titlu "Dwar l-Ordni u l-predikazzjoni tal-Patrijiet Minuri".

L-isqof ta' Akri jitkellem dwar l-Ordni Franġiskan bħala r-raba' istituzzjoni reliġjuża wara dawk ta' l-eremiti, monaċi u kanonċi regulari, u jsejjaħlu "ir-reliġjon tal-veri foqra tal-Kurċifiss u l-ordni tal-predikaturi, li aħna nafuhom bħala Patrijiet Minuri". Jurina l-fedeltà ta' dan il-moviment lejn l-Evanġelju, l-istruttura ta' l-Ordni li jingabar fil-kapitli, u mbagħad jitkellem mir-rispett li l-aħwa jgawdu mhux biss mill-Insara, imma saħansitra mis-"Saraċini u mill-bnedmin l-oħrajn li għadhom imkebbin fid-dlam tan-nuqqas ta' fidi". Vitry jkompli jisħaq dwar il-pożizzjoni tiegħu bħala xhud li ra lil Franġisku meta dan kien jinsab fl-Orjent:

«Aħna stajna naraw lil dak li hu meqjus bħala l-ewwel fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni, li lilu jobdu l-oħrajn kollha bħala superjur ġenerali tagħhom. Hu raġel sempliċi u illitterat, imma għażiż għal Alla u għall-bnedmin, li jismu frate Francino. Hu kien mimli b'tant ħeġġa ta' mħabba u fervur ta' l-ispirtu li, meta wasal fl-eżerċtu kristjan, li kien akkampat quddiem Damietta, fl-art ta' l-Eġittu, ried imur, mimli kuraġġ u armat biss bit-tarka tal-fidi, fl-akkampament tas-Sultan ta' l-Eġittu. Lis-Saraċini li qabduh priġunier matul il-vjaġġ, beda jtennilhom: "Jiena kristjan: ħuduni quddiem is-sinjur tagħkom". Meta wassluh quddiemu, is-Sultan li ħares lejn il-bixra ta' dak il-bniedem ta' Alla, minn bhima krudila ħassu jinbidel f'raġel manswet, u għal diversi ġranet kien jisimgħu b'attenzjoni kbira, waqt li kien jippriedka lil Kristu quddiemu u quddiem in-nies tiegħu. Imbagħad, billi kellu l-biża li xi ħadd minn ta' madwaru kien se jikkonverti lejn il-Mulej minħabba l-qawwa tal-kliem tiegħu, u hekk jgħaddi għal ma' l-eżerċtu kristjan, bagħat nies biex iwassluh, bl-unuri u l-protezzjoni, fil-kamp tagħna; u qabel ma nfired minnu, qallu: "Itlob għalija, sabiex il-Mulej jistħoqqlu jurini liema liġi u fidi hi l-aktar waħda li togħġbu".»

Jacques de Vitry ċertament ma għandux x'jaqsam maż-żjidiet ta' natura leġġendarja li żdiedu fir-rakkont ta' Franġisku li jmur jitkellem mas-Sultan Malek-al-Kamil, u li nsibuhom fl-għejjun aktar tardivi. Vitry joffri l-ewwel xhieda, forsi l-aktar waħda affidabbli, rigward dak li ġara, u jippreżentalna lil Franġisku bħala l-fundatur ta' Ordni ġdid apostoliku, li jmur jiltaqa' ma' l-"infidili" matul il-ħames kruċjata, u jasal saħansitra biex jitkellem dwar Kristu quddiem is-Sultan ta' l-Eġittu, l-akbar għadu ta' l-Insara. Hu ġie milqugħ bit-tjieba u delikatezza rari, u mbagħad intbagħat lura lejn il-kamp kruċjat mingħajr ma saritlu l-ebda ħsara. Ma hemm l-ebda riferiment la għal xi trattament ħażin u lanqas għal persekuzzjonijiet kontra Franġisku minn naħa ta' l-"infidili", u wisq inqas għal xi sforz biex Franġisku jikkonverti lis-Sultan għall-kristjaneżimu a kwalunkwe kost.

Naturalment, Jacques de Vitry ma joffrix id-dettalji kollha biex nibnu l-ġrajja kif verament seħħet. Naraw li l-istorjografija ta' l-epoka moderna irnexxielha twettaq dan b'mod soddisfaċenti. Imma, qabel ma nippruvaw nagħtu xi fatti żguri, jaqbel li nagħtu ħarsa lejn xi kronisti oħrajn tal-ħames kruċjata.

Wieħed minn dawn il-kronisti kien Ernoul, li kien gwerrier li għadda ħajtu kollha fl-Orjent, u li kien preżenti matul l-assedju u l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalem minn Saladin fl-1187. Hu kiteb Kronaka li tkopri l-perjodu 1183 sa 1229. Fil-kapitlu 37, il-Kronaka ta' Ernoul titkellem minn "żewġ kjeriċi li jmorru biex jippriedkaw quddiem is-Sultan". L-awtur ma jsemmi qatt lil Franġisku u s-sieħeb tiegħu, imma nafu minn għejjun oħrajn li dawn iż-żewġ kjeriċi kienu Franġisk u fra Illuminato. Ernoul jurina r-reżistenza assoluta tal-kardinal legat Pelagio, li ma riedx iħalli lil Franġisku jgħaddi fil-kamp tal-Misilmin, u jagħtina l-kliem ta' dan il-kardinal gwerrier famuż, li kien qiegħed imexxi l-kruċjata flimkien ma' Jean de Brienne: "Sinjuri, jiena ma nafx dak li intom għandkom f'qalbkom u liema huma l-ħsibijiet ta' moħħkom, jekk humiex tajbin jew ħżiena; imma jekk tmorru, araw li tħallu qlubkom u ħsibijietkom dejjem merfgħua lejn il-Mulej Alla". Ernoul jgħidilna mingħajr ħafna tlellix dak li seħħ quddiem is-Sultan. Hu evidenti li ma kien hemm l-ebda sforz ta' konverżjoni forzata ta' wieħed lill-ieħor. Hu jurina r-reżistenza assoluta tal-kapijiet reliġjużi Misilmin

għall-messaġġ evanġeliku, imma fl-istess ħin jinnota wkoll l-ammirazzjoni tas-Sultan għad-distakk assolut minn kull kilba għall-ġid li kienu juru ż-żewġ aħwa. Anke jekk ma ġiex ikkonvertit minn kliemhom, l-eżempju ta' Franġisku u Illuminato ħallew lis-Sultan impressjonat ħafna.

Kronista ieħor li jinteressana hu Bernardo il Tesoriere, awtur tal-*Liber de Acquisitione Terrae Sanctae*, li fil-kapitlu 208 jitkellem minn żewġ kjeriċi li jmorru quddiem is-Sultan, li l-awtur isejjaħlu Corradino (Melek-Moaddam), Sultan ta' Damasku u ħu Malek-al-Kamil, u li għalhekk iħalltu miegħu. Dan ir-rakkont isegwi b'mod fidil dak ta' Ernoul, u għandu wkoll kliem ta' tifħir lejn is-Sultan, li jintwera bħala "raġel li kien imxaqleb lejn l-umiltà".

Kronaka ta' awtur Franċiż anonimu li jikteb fis-snin 1229-1231, hi magħrufa bħala *L'histoire de Eracles empereur*. Din toffrilna l-aħħar xhieda kronistika barra mill-familja Franġiskana fis-seklu XIII dwar iż-żjara ta' San Franġisk lis-Sultan. Tagħtina xhieda qasira ħafna, imma wkoll prezzjuża, b'elementi ġodda li nitkellmu dwarhom aktar 'il quddiem meta nagħmlu riferiment għal studji aktar reċenti taż-żjara ta' Franġisku lis-Sultan. Hawnhekk nikkwotaw din is-silta:

«Dak ir-raġel, li ta bidu għall-Ordni tal-Patrijiet Minuri – li kien jismu frate Frate (sic) Franġisk, u li kien kanonizzat u mgħolli fil-ġieħ quddiem l-Insara hekk li issa jissejjaħ San Franġisk – kien ġie fl-eżerċtu li kien qiegħed jassedja Damietta, u hemmhekk għamel ħafna ġid, u baqa' hemm sa ma ittieħdet il-belt. Imma mbagħad, billi ra li l-ħażen u d-dnub bdew jikbru fost in-nies ta' l-akkampament, hu ħassu jiddispjaċih ħafna. Għalhekk, telaq minn hemm u baqa' għal żmien twil fis-Sirja; imbgħad irritorna lejn pajjiżu».

## Franġisku u s-Sultan skond il-Fonti Franġiskani tas-seklu XIII

L-ewwel bijografu ta' San Franġisk, Fra Tommaso da Celano, jiddokumenta ż-żjara ta' Franġisku għand is-Sultan fil-kapitlu 20 ta' l-Ewwel Ħajja ta' San Franġisk. Celano juri x-xewqa ta' Franġisku li jsofri l-martirju, u l-isforz li għamel għal tliet darbiet biex jasal fl-artijiet ta' l-"infidili"; l-ewwel fl-1211, meta telaq minn Ancona, u spiċċa nawfragat fuq il-kosta tad-Dalmazja, imbagħad fl-1213, meta mar Spanja biex minn hemm jgħaddi fil-Marokk ħalli jippriedka quddiem l-Emir-el-Mumenin (Miramolino), imma jintlaqat minn marda u jkollu jerġa' lura, u fl-aħħarnett fl-1219, meta jmur fl-Eġittu waqt il-ħames kruċjata, u hemm jiltaqa' mas-Sultan. Celano jgħid li Franġisku telaq lejn is-Sirja fis-sena tlittax mill-konverżjoni tiegħu, u li qabel ma wasal quddiem is-Sultan sofra persekuzzjonijiet u ħruxija. Naraw li l-għejjun kollha Franġiskani li jiddependu minn Celano jirrepetu dan id-dettal tal-persekuzzjoni, fil-kuntest tejoloġiku tax-xewqa tal-Qaddis li jagħti l-ogħla xhieda tal-martirju, ħaġa li ma nsibuha fl-ebda waħda mill-kronaki kruċjati ta' dak iż-żmien.

Fil-*Legenda ad usum chori*, miktuba minn Tommaso da Celano lejn l-1230, naqraw ukoll dwar ix-xewqa li kellu San Franġisk li jmut martri, u kif hu ġie imbuttat li biex imur jippriedka l-Evanġelju *ad partes Syriae*, jiġifieri fil-pajjiżi ta' l-Orjent, fejn hu "mar jgħaġġel quddiem is-Sultan".

Fit-Tieni Ħajja ta' San Franġisk, 30, miktuba fl-1246-27, Tommaso da Celano jirrakkonta l-fatti li ġraw f'Damietta fid-29 ta' Awissu 1219, meta Franġisku ħabbar it-telfa ta' l-eżerċtu kruċjat lir-re Jean de Brienne u lill-kardinal legat Pelagio, imma dawn ma tawhx widen, u bagħatu l-eżerċtu għall-battalja li spiċċa f'massakru ta' l-Insara.

Fost il-ħajjiet medjevali li jiddependu minn Celano, insibu l-Ħajja ta' San Franġisk miktuba minn Julian of Speyer, fis-snin 1232-35. Anke hawn l-awtur jitkellem minn vjaġġ ta' Franġisku *ad partes Syriae* fil-kuntest tax-xewqa tiegħu li jkun martri f'idejn l-"infidili".

Il-*Legenda Sancti Francisci Versificata*, miktuba lejn l-1230 minn Henri d'Avranches u iddedikata lill-Papa Girgor IX, bl-istil solenni tagħha, tiddedika l-Ktieb VIII liż-żjara ta' Franġisku lis-Sultan.

Il-Ħajja ta' San Franġisk miktuba minn San Bonaventura da Bagnoregio titkellem fit-tul dwar iż-żjara ta' Franġisku fl-Orjent fil-kuntest tal-kapitlu IX,7-9, li jitkellem dwar il-ħeġġa tal-karità u x-xewqa tal-martirju ta' Franġisku, kif ukoll fil-kapitlu XI,3, fejn titkellem dwar it-telfa tal-kruċjati f'Damietta fil-kuntest ta' l-għarfien ta' l-Iskrittura u l-ispirtu tal-profezija li kellu Franġisku. Bonaventura jiddependi ħafna

minn Celano u ma jżidx dettalji partikulari mar-rakkont, ħlief fil-kuntest tejoloġiku tal-Ħajja tiegħu, li titkellem dwar il-virtujiet tal-Qaddis, u f'dan il-każ dwar ix-xewqa tiegħu li jmut martri għal Kristu. Minkejja dan, insibu xi dettalji li juruna li Bonaventura kien ukoll tkellem ma' fra Illuminato, sieħeb ta' San Franġisk. Dan narawh meta jagħmel aċċenn għaż-żewġ ħrief li Franġisku u Illuminato kienu raw, meta telqu lejn il-kamp tas-Saraċini. Fil-*Legenda minor*, III,9, Bonaventura jurina kif is-Sultan isir "manswet b'dispożizzjoni divina" u jisma' lil Franġisku.

Waħda mix-xhieda li jqajjmu interess matul is-seklu XIII, hi dik miktuba minn fra Illuminato li kien akkumpanja lil Franġisku għand is-Sultan. Hija xhieda li jirreferi għaliha l-istess San Bonaventura, li kien tkellem ma' Illuminato fil-perjodu li fih kien żaru bħala Ministru Ġeneral ta' l-Ordni. Insibu żewġ fatti, wieħed li għandu x'jaqsam ma' l-istorja tat-tapit mimli disinji ġeometriċi tas-salib, li s-Sultan kien qiegħed taħt riġlejn Franġisku, biex iqiegħed għall-prova d-devozzjoni tal-Qaddis lejn is-salib; il-fatt l-ieħor għandu x'jaqsam mal-prova li s-Sultan kien għamel lil Franġisku meta ikkwotalu l-kliem ta' l-Evanġelju dwar in-non vjolenza. Ma nafux jekk dawn il-fatti nistgħux niġbruhom mal-fatti li tassew ġraw jew inkella humiex fatti apokrifi ta' natura leġġendarja. Ċertament it-tweġibiet ta' Franġisku ma jikkorrispondux għal kollox ma' l-ispirtu tiegħu ta' rikonċiljazzjoni u rispett lejn l-"infidili". Fil-Fonti kollha nsibu dejjem riferiment għall-prova tan-nar li Franġisku kien ippropona lis-Sultan. Dan il-fatt, li jista' jkun apokrifu, jurina, iżda, il-kuraġġ tar-raġel evanġeliku Franġisku.

Il-Kronaka ta' Fra Giordano da Giano, miktuba fl-1262, tagħtina aħbarijiet interessanti ħafna rigward l-ewwel missjonijiet tal-Patrijiet Minuri, fosthom dwar dik tal-provinċja tas-Sirja, fejn kien Ministru Provinċjal fra Elija fis-snin 1217-1221. Fin-numru 10 il-kronista Franġiskan jagħtina rakkont qasir taż-żjara ta' Franġisku għand is-Sultan, fil-kuntest tax-xewqa tiegħu li jsofri l-martirju, u b'riferiment għall-persekuzzjonijiet li l-Qaddis iltaqa' magħhom qabel ma iddaħħal fil-preżenza tas-Sultan.

L-aħħar riferiment, għalkemm dan hu tardiv ħafna, fil-Fonti Franġiskani, hu dak tal-Fjuretti ta' San Franġisk, fejn it-traduttur anonimu ta' l-*Actus Beati Francisci*, jikteb dwar il-fatt tal-laqgħa ta' Franġisku mas-Sultan fil-kapitlu XXIV, f'atmosfera leġġendarja ħafna. F'dan ir-rakkont l-awtur jurina r-rispett profond tas-Sultan għall-fidi qawwija ta' Franġisku, u kif jagħtih il-permess li jippriedka bil-libertà fost is-Saraċini, ħaġa li ma tantx setgħet tkun probabbli. L-istorja tkompli bil-laqgħa ta' Franġisku mal-prostituta li tistiednu jidneb magħha, u kif Franġisku jirbaħ lil din il-mara bil-prova tan-nar, hekk li l-mara tindem u tikkonverti għal Kristu. Fl-aħħarnett hu l-istess Sultan li, fi tmiem ħajtu, jilqa' l-magħmudija mill-aħwa Franġiskani. Naturalment dawn huma kollha elementi leġġendarji, li juruna b'liema attenzjoni rridu naqraw il-fonti tardivi ta' l-aħħar snin tas-seklu XIV.

## L-istorjografija moderna rigward iż-żjara ta' San Franġisk fl-Orjent

Il-bibljografija moderna li għandha x'taqsam mal-missjoni ta' Franġisku għand is-Sultan matul il-ħames kruċjata hi waħda twila. Waħda mill-bijografiji moderni l-aktar awtorevoli tal-Qaddis hi ċertament in-*Nova Vita di San Francesco* ta' Arnaldo Fortini, li minnha għażilna li nisiltu din l-informazzjoni storika dwar il-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Orjent.

Skond Fortini, Franġisku, flimkien ma' xi wħud mill-aħwa, fosthom Pietro Cattani u Illuminato d'Arce, salpa minn port tal-Puglie (Bari jew Brindisi) fl-24 ta' Ġunju 1219. Xi awturi oħrajn tal-qedem, bħal Mariano da Firenze, jgħidu li Franġisku telaq minn Ancona, imma nafu li Innoċenz III, meta ħabbar il-kruċjata ta' l-1205, kien ried li t-truppi insara jiltaqgħu fi Brindisi biex jitilqu lejn Kostantinopli u Ġerusalem. Il-vjaġġ bil-baħar ħa lil Franġisku fil-gżira ta' Kreta, u forsi anke f'dik ta' Ċipru, li dak iż-żmien kienet iċ-ċentru tar-Renju Latin ta' Ġerusalem, wara li l-belt ta' Ġerusalem waqgħet f'idejn Saladin fl-1187. Il-port li fih waslu kienet il-belt fortifikata ta' Saint Jean d'Acre, jew Akri, fuq il-kosta tal-Mediterran tal-Palestina, waħda mill-aħħar fortizzi li kien fadlilhom il-kruċjati fl-Art Imqaddsa. Il-Patrijiet Minuri kienu ilhom preżenti fis-Sirja (Palestina) sa mill-1217, meta kien intbagħat fra Elija bħala Ministru Provinċjal tas-Sirja jew, kif ġie li kienet tis-

sejjaħ, il-Provinċja ta' Oltremare. Hu probabbli li Franġisku iltaqa' ma' Elija f'Akri, u li mbagħad ħaffef lejn in-nofsinhar, tul il-kosta mrammla tal-Palestina, biex jilħaq l-eżerċtu kruċjat li kien akkampat quddiem Damietta, belt kbira ta' l-Eġittu fid-delta tax-xmara Nil. Franġisku dam fil-kamp kruċjat għal tul il-perjodu kollu bejn Lulju 1219 u l-5 ta' Novembru 1219, u forsi anke sa Frar 1220, jiġifieri tul il-ġrajjiet l-aktar importanti ta' l-assedju ta' Damietta.

L-eżerċtu kruċjat sa mill-1218 kien akkampat tul ix-xatt tal-punent tax-xmara Nil, filwaqt li Damietta kienet tinsab fuq ix-xatt l-ieħor, u maġenbha l-kamp tas-Sultan ta' l-Eġittu Malek-al-Kamil. L-eżerċtu kruċjat kien magħmul minn kavallieri Templari u Ospedalieri, minn isqfijiet u nobbli, minn truppi ġejjin minn Franza, Ingilterra, Spanja, Belġju, Olanda, u mir-repubbliki ta' Venezja, Genova, Pisa u Lucca.

Il-kap ta' l-eżerċtu kruċjat kien Jean de Brienne, re ta' Ġerusalem. Damietta kienet belt fortifikata tajjeb ħafna kemm minn naħa tax-xmara kif ukoll minn naħa ta' l-art. Skond il-kronisti Għarab ta' dak iż-żmien, fejn ix-xmara Nil kienet toħroġ fil-baħar, kien hemm torri kbir, li minnu kienu jinżlu ktajjen tal-ħadid b'saħħithom ħafna, li kienu jaqsmu għall-ħitan ta' Damietta, biex ma jħallux ix-xwieni li jaslu mill-baħar jidħlu fix-xmara Nil. It-Torri tal-Katina kellu jkun il-post ta' l-ewwel battalja kontra Damietta. L-ewwel assalt sar fl-24 ta' Awissu 1218, festa ta' San Bartilmew.

Sadanittant, matul ix-xahar ta' Settembru, wasal fil-kamp kruċjat il-kardinal Pelgio, legat pontifiċju. Dan kellu karattru iebes u supperv, li ta' spiss kien iwasslu biex jindaħal fil-gwerra u fl-istess awtorità ta' Jean de Brienne. Hekk ġara waqt l-assalt ta' jum San Dimitri, fl-10 ta' Ottubru 1218. L-eżerċtu kruċjat ta assalt ieħor nhar Ħadd il-Palm tas-sena 1219. Ir-riżultati ta' dawn l-attakki ma kienux favorevoli ħafna għall-kruċjati, imma dawn irnexxielhom jirbħu x-xatt kollu tal-punent tax-xmara Nil. Ftit jiem wara li wasal Franġisku fil-kamp tal-kruċjati, f'Lulju 1219, il-Pisani u l-Genovesi taw l-assalt finali lit-Torri tal-Katina u ħaduh taħt idejhom wara li qatlu ħafna nies.

L-Insara iddeċidew li jagħmlu battalja kbira kontra Damietta nhar id-29 ta' Awissu 1219. Franġisku, waqt li kien jitlob, ġie mnebbaħ biex jagħti parir biex ma jsirx l-attakk, għax dan kellu jispiċċa f'telfa għall-kruċjati. Wara żmien qasir li fih kien dubjuż jekk jirrakkontax il-viżjoni tiegħu lill-kmandanti ta' l-eżerċtu kruċjat, wara li ħa l-parir għaqli ta' fra Illuminato, iddeċieda li ma jaħbix il-verità, anke jekk kien jaf li kienu se jgħodduh bħala wieħed ma jifhem f'xejn, u li għalhekk kellhom jiċħdu l-pariri tiegħu. Fl-istess waqt kienu waslu fil-kamp kruċjat patrijiet oħrajn, fosthom Leonardo di Gislerio, Elija Bonbarone u Pietro Cattani. Il-battalja kienet ta' telfa kbira għall-Insara, kif kien ħabbar Franġisku.

Ix-xahar ta' Settembru kien ix-xahar li fih kienu jsalpaw ix-xwieni lejn l-Ewropa, biex imbagħad jiġu lura f'Marzu, bl-armati kruċjati. Il-kronisti ta' dak iż-żmien jgħidulna li aktar minn għoxrin elf kruċjati iddeċidew li jmorru lura fl-Ewropa. Dan il-fatt hu importanti ħafna biex inkunu nafu meta Franġisku telaq mill-Orjent biex jerġa' lura l-Italja. Xi studjużi ħarġu bl-ipotesi li Franġisku mar għand is-Sultan qabel ma telaq lura, filwaqt li studjużi oħrajn huma tal-fehma li l-Qaddis dam fl-Orjent għal żmien itwal, almenu sat-2 ta' Frar 1220, id-data tad-daħla solenni ta' l-armata kruċjata f'Damietta.

Intant, kienu waslu xi rinforzi minn Genova, b'ħafna pellegrini, u l-kruċjati qawwew il-kuraġġ biex ikomplu l-assedju ta' Damietta. Il-ġlied reġa' beda fis-26 ta' Settembru, imma mhux qabel ma s-Sultan Malek-al-Kamil kien ippropona konċessjonijiet favorevoli ħafna għall-kruċjati, li l-kardinal supperv Pelgio ċaħadhom. Dawn kienu jinkludu l-ħelsien tal-priġunieri Insara kollha, li kienu inqabdu minn Salah-ad-Din (Saladin) mill-1171 'il quddiem, l-għotja tar-renju Latin ta' Ġerusalem lura lill-kruċjati, u l-permess li dawn jibnu swar madwar Ġerusalem. Imma malli waslu r-rinforzi, il-kilba li jakkwistaw Damietta ħonqot kull intenzjoni oriġinali tal-kruċjata, jiġifieri dik li jittieħed lura mill-ġdid il-Qabar ta' Kristu u l-belt ta' Ġerusalem.

Sadanittant in-nies ta' Damietta, li kienu madwar tmint elef, kienu qed imutu bil-ġuħ. Il-qagħda kienet teħżien minn jum għall-ieħor. Xi wħud minnhom ħarbu lejn il-kamp tal-kruċjati. Biex ma jħallix dan isir aktar, il-mexxej tad-difiża ta' Damietta imbarra bil-ġebel il-bibien kollha tal-belt, hekk li, kif jgħidulna l-kronisti ta' l-

epoka, Damietta, il-ġawhra ta' l-Eġittu, saret qabar għan-nies tagħha.

L-aħħar assalt fuq il-belt ġie mħejji għal-lejl ta' l-4 ta' Novembru 1219. Il-kruċjati rnexxielhom faċilment jirbħu l-ħitan u t-torrijiet, u oħroġ il-għaġeb, ftit sabu reżistenza. Ir-raġuni vera ta' dan kollu skoprewha l-għada filgħodu, 5 ta' Novembru. Inħallu lil Arnaldo Fortini jirrakkonta dak li ġara:

«Malli sebaħ, il-kruċjati avanzaw lejn il-belt, bix-xwabel mgħollijin u t-tarki ma' dirgħajhom. Bejn l-ewwel linja ta' ħitan li kienu diġà rebħu u t-tieni sur mill-aktar qawwi kien hemm għalqa kbira, li l-ħamrija tagħha kienet donnha ġiet maħruta mill-ġdid, għax kellha sinjali ta' diversi raddiet. L-attakkanti waqfu, jitriegħdu bit-tkexkix. Ix-xita qawwija tal-lejl kienet fetħet l-oqbra li kienu tħaffru malajr fil-baxx u bdew ħerġin il-mejtin; irjus, idejn, saqajn. L-arja kienet mimlija riħa tinten ta' mewt. Kien hemm numru kbir ta' katavri: eluf, għexieren ta' eluf ta' katavri. Kien ċimiterju kbir u li jbeżżgħek, li beda jinkixef fid-dawl kiebi li beda nieżel mis-sema mgħajjeb ta' Novembru. Kienu baqgħu huma weħidhom, dawk l-iġsma f'dekompożizzjoni li tbeżżgħek, biex jieqfu lill-passi tas-suldati tas-salib.

«Aktar 'il ġewwa mit-tieni sur, fit-toroq, fil-pjazez, fuq il-għetiebi tal-moskej, kienu jintlemħu biss mejtin, u mejtin, li kienu mixħutin għerja. Irġiel, nisa, tfal, ilkoll meqrudin mill-ġuħ u mill-pesta… Il-ftit nies li kienu għadhom ħajjin, kienu qishom dud jitkgħawweġ, li lanqas iċċaqilqu għall-ħsejjes li jtarrxu ta' l-eżerċtu Kristjan, għax kienu mitlufin f'sakra tixbaħ il-mewt… Anke l-Qaddis daħal fil-belt tad-dwejjaq, u tkexkex u xerred dmugħ jaħraq ħafna aktar milli kien xerred fil-jum tat-telfa tal-kruċjati» (A. Fortini, *Nova Vita di San Francesco*, 75-76).

Fix-xhur ta' wara Damietta ġiet imnaddfa u l-kruċjati ħadu rikkezzi mmensi ta' deheb, fided, skjavi u oġġetti oħrajn. Beda l-ġlied bla tmiem biex il-belt tinqasam bejn il-legat pontifiċju, l-Ordnijiet kavallereski, l-arċisqof il-ġdid tal-belt, ir-repubbliki marinare Taljani. Lill-Patrijiet Minuri tawhom knisja fil-kwartier tal-kruċjati bolognesi u lucchesi. Bħala kap tal-belt kien hemm ir-re ta' Ġerusalem, imma mhux mingħajr il-protesti u l-makakkerija tal-kardinal Pelagio. It-2 ta' Frar 1220 ġie magħżul bħala l-jum li fih kellu jsir l-ingress solenni ta' l-Insara f'Damietta.

Ir-rebħa tas-salib f'Damietta ma damitx ħafna, għax il-kardinal Pelagio, flok li approfitta ruħu mir-rebħa biex jirriskatta l-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem, daħħalha f'rasu li jattakka l-Kajr. It-tentattiv tiegħu kien falliment totali, u l-kruċjati kellhom jirritornaw fl-Ewropa mingħajr ma iggwadanjaw xejn mill-Art Imqaddsa, minħabba l-kilba bla rażan ta' flus u qawwa li kienet tifred lill-Insara bejniethom. Xejn aktar ma għadu jfakkar din il-ġrajja tan-niket tal-ħames kruċjata, ħlief monument li jinsab fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Fortini jiddiskrivihulna hekk:

«Hu biss fil-knisja ta' Assisi, li inbniet fuq ir-relikwi ta' San Franġisk, li hemm re li jorqod fis-sodda ta' rħam tiegħu, miksi bil-prorpra, u b'kuruna imperjali fuq rasu, taħt il-ħarsa mimlija mħabba tal-Verġni Marija. Hu l-kap ta' l-armata Kristjana ta' Damietta, ir-re ta' Ġerusalem, Jean de Brienne, li miet liebes it-tonka tal-Patrijiet Minuri, u li ried isib hu wkoll il-paċi qrib ir-raġel li kien sar jafu u li ħabbu … Hu l-uniku monument li baqa' bħala tifkira tal-kruċjata li fiha ħa sehem Franġisku» (A. Fortini, *Nova Vita di S. Francesco*, 87-88).

F'dan il-kuntest tar-rebħa ta' Damietta rridu nqiegħdu l-laqgħa ta' Franġisku mas-Sultan. L-ewwel problema li l-istoriċi jiltaqgħu magħha hi dik li jistabilixxu meta Franġisku mar għand Malek-al-Kamil. Il-bijografi moderni tal-Qaddis iqiegħdu żżjara qabel ir-rebħa ta' Damietta. Nafu li kien hemm waqfien mill-ġlied bejn il-Kruċjati u l-Misilmin tul il-ġimgħat bejn id-29 ta' Awissu u s-26 ta' Settembru 1219. Hu wkoll possibbli li kien proprju tul dan il-perjodu tajjeb, li San Franġisk seta' jmur fil-kamp tas-Saraċini biex jiltaqa' mas-Sultan. Minkejja dan, Fortini hu tal-parir kuntrarju, u jgħid li dan l-episodju tal-ħajja ta' San Franġisk ġara wara r-rebħa ta' Damietta, u dan għaliex hekk jindikaw il-kronisti ta' l-epoka. Diġà tkellimna dwar ir-rejazzjoni negattiva tal-kardinal Pelagio għat-talba ta' Franġisku, u għall-permess li wara tah kontra qalbu biex jgħaddi fil-kamp ta' l-"infidili". Ir-rakkont li jagħmel Fortini jsegwi b'mod ġenerali dak li diġà rajna fil-Fonti Franġiskani, li fihom irridu niddistingwu tajjeb bejn elementi ta' natura storika ppruvata u oħrajn ta' natura purament leġġendarja. B'mod partikulari

Fortini jagħmel riferiment għall-Kronaka ta' Ernoul.

Teżisti prova li Franġisku u Illuminato verament marru jitkellmu ma' Malek-al-Kamil f'perjodu ta' mibgħeda tant qawwija bejn Insara u Misilmin? Xi awtur jurina li għandna prova saħansitra f'dokument Għarbi ta' l-epoka. Skond ir-riċerki ta' Martiniano Roncaglia OFM ("Fonte Arabo-Musulmana su San Francesco in Oriente", *Studi Francescani*, Anno 25(50), 1953, 258-259), Franġisku deher quddiem is-Sultan Malek-al-Kamil b'atteġġjament ta' *sufi*, jew axxeta musulman, li jgħix fil-faqar u li jittallab l-għajxien tiegħu. Hekk jgħid Roncaglia:

«*Sufiyya*, plural tal-kelma *sufi*, turi speċi ta' konfraternità ta' axxeti musulmani, li, bħal dawk insara, kienu jilbsu ċoqqa goffa ta' suf, u kienu jitħażżmu b'ħabel u jgħixu billi jittallbu l-karità. Anke l-Franġiskani li kienu jippreżentaw ruħhom jittallbu għand il-musulmani kienu jiġu megħjuna bit-tjieba kollha minnhom, u kienu jisimgħuhom bil-qalb, sakemm ma jibdewx jitkellmu kontra l-Profeta Muhammad. L-atteġġjament umli tagħhom, id-disprezz tar-rikkezzi, u l-bixra axxetika tagħhom kienet tfakkar lill-misilmin fis-*sufiyya*: il-poplu sempliċi dejjem kellu venerazzjoni partikulari lejn l-axxeti. Dan l-istil ta' ħajja franġiskan ma kienx jaqa' taħt is-suspett tal-ħassieba misilmin. Waħda mill-aħjar definizzjonijiet li bihom l-awturi musulmani tal-Medjuevu kienu jiddiskrivu l-kunċett ta' *tasawwuf*, hi dik li tgħid li l-veru *sufi* hu bniedem li ma għandu xejn tiegħu u li ma hu maħkum mill-kilba lejn xejn».

Fil-fatt, dejjem skond l-istudji ta' Roncaglia, li jsegwi l-Iżlamista famuż franċiż Louis Massignon, teżisti dokumentazzjoni ta' fonti Għarbija ta' l-epoka li tista' tkun prova tal-laqgħa ta' Franġisku mas-Sultan. Din il-fonti inkitbet minn mistiku Musulman, li kien jismu al-Fakhr al-Farisi, li kien kunsillier ta' Malek-al-Kamil. Hemm iskrizzjoni fuq il-qabar ta' dan il-mistiku Musulman li tagħti din ix-xhieda: «Hu [al-Fakhr al-Farisi] kellu virtujiet magħrufin ħafna. Huma magħrufin ukoll il-ġrajjiet tiegħu ma' al-Malik al-Kamil u dak li ġara minħabba r-*rahib*».

Min kien dan ir-*rahib*, jew raħeb bil-Malti, li ħalla tifkira daqshekk ħajja tant li baqa' mfakkar fuq il-qabar ta' dan il-mistiku Musulman magħruf? Nistgħu naffermaw biss li, tul l-istorja twila tal-ġlied u tal-ftehim bejn Musulmani u Insara fl-Orjent, ma għandna l-ebda riferiment ieħor għal xi laqgħa bejn bniedem ta' Alla Kristjan u Sultan Musulman, ħlief il-każ ta' Franġisku li jmur fit-tinda ta' Malek-al-Kamil matul il-ħames kruċjata, u hemmhekk ukoll jitkellem mal-filosfi u l-kbarat tar-reliġjon Musulmana, li fosthom kien jispikka al-Fakhr al-Farisi.

### Bibljografija

G. Basetti-Sani, "Chi era il vecchio famoso che incontrò San Francesco a Damietta", in *Studi Francescani* 82 (1985) 209-244. "San Francesco è incorso nella scomunica? Una bolla di Onorio III ed il supposto pellegrinaggio del santo a Gerusalemme", in *Archivum Franciscanum Historicum* 65 (1972) 3-19. F. Cardini, "Nella presenza del Soldan superba", in *Studi Francescani* 71 (1974), 199-240. F. Gabrieli, *San Francesco e l'Oriente Islamico*, in *Espansione del Francescanesimo tra Occidente e Oriente nel Secolo XIII* (Atti del VI Convegno Internazionale della Società Internazionale di Studi Francescani, 12-14 ottobre 1978), Assisi, 1979, 105-122. A. Ghinato, "S. Francesco in Oriente Missionarius ac Peregrinus", in *Acta Ordinis Fratrum Minorum* 83 (1964) 164-181. G. Golubovich, "San Francesco e i Francescani in Damiata (5 nov. 1219 - 2 febbr. 1220)", *in Studi Francescani* XXIII (1926) 307-330. J. Hoeberichts, *Francesco e l'Islam*, Edizioni Messaggero Padova 2002. N. Jacopozzi, "Dove sia avvenuta la visita di san Francesco d'Assisi al Sultano Malek el Kamel", in *Frate Francesco*, Milano 2 (1925) 379-393. L. Lemmens, "De sancto Francisco Christum praedicante coram Sultano Aegypti", in *Archivum Franciscanum Historicum* XIX (1926) 559-578. F. van Ortroy, "Saint Francois d'Assise et son voyage en Orient", in *Analecta Bollandiana* 31 (1912) 451-462. J.M. Powell, "Francesco d'Assisi e la Quinta Crociata: Una Missione di Pace", in *Schede Medievali* 4 (1983), 68-77. M. Roncaglia, "San Francesco d'Assisi in Oriente", in *Studi Francescani* XXV (1953), 97-106. P. Rossi, *Francescani e Islam. I Primi Cinque Martiri*, Intra Tevero Et Arno Editrice, Anghiari 2001. I. Vazquez Janeiro, "I Francescani e il Dialogo con gli Ebrei e i Saraceni nei secoli XIII-XV, in *Antonianum* 65 (1990), 533-549.

*Ikompli f' ħarġa oħra.*

*Kitba ta' Marcello Ghirlando ofm*

# Il-qarrejja jistaqsu...

**X'inhu l-Ktieb tal-Kronaki fil-Bibbja? Veru li jirrakonta l-istorja ta' Iżrael?**

Fl-Antik Testment nitkellmu minn żewg Kotba tal-Kronaki. Huma żewġ kotba li per se mgħandhomx titlu u ma nafux min kien l-awtur tagħhom. Ir-rabbini tal-bidu sejħu lil dawn il-kotba bħala "il-ktieb tal-ġrajjiet tal-jiem"; mela kienu jqisu dawn il-kitbiet bħala ġabra ta' ġrajjiet tal-passat, storja mela. Il-verżjoni griega ta' l-Iskrittura, is-Septuaginta (LXX), issejjaħ dawn il-kotba "Paralipomena", jiġifieri "dak li tħalla barra". Fil-fatt fl-antik kienu jaħsbu li l-ġrajjiet imsemmija f'dawn il-kotba mhumiex msemmija fil-bqija tal-kotba ta' l-Antik Testment. Kien San Ġlormu li sejjaħ dawn il-kitbiet "kronaka", sintesi ta' l-istorja divina. Huwa dan l-isem li baqa' matul is-sekli.

L-awtur tal-Kotba tal-Kronaki kiteb wara l-eżilju meta ħafna mill-letteratura ta' l-Antik Testment kienet diġà nkitbet. Huwa jibni l-kitbiet tiegħu fuq ħafna mill-kotba ta' l-Antik Testment. Jiddependi ħafna mill-Ġenesi, mill-Kotba ta' Samwel u tas-Slaten. Insibu ħafna paralleli ma' siltiet meħuda mill-Kotba ta' Ġozwè, mill-Profeti Iżaija, Ġeremija, Eżekjel, is-Salmi u saħansitra mill-Ktieb ta' Rut. U dan barra għejjun oħra extra-biblici. Dawn il-kotba nkitbu wara l-eżilju, probabilment għall-aħħar tas-seklu III qabel Kristu.

Nistgħu ngħidu li l-awtur tal-Kotba tal-Kronaki reġa' tagħna sintesi ta' l-istorja tas-salvazzjoni skond perspettiva li tirrifletti ż-żmien li fih kien qed igħix, iż-żmien ta' wara l-eżilju. Għalhekk għandna eżempju klassiku ta' kif ċerti kotba ta' l-Iskrittura jerġgħu jaqraw u jinterpretaw f'dawl ġdid l-istorja tas-salvazzjoni fil-ġrajjiet konkreti tal-poplu l-magħżul.

Nistgħu naqsmu l-Kotba tal-Kronaki f'żewġ sezzjonijiet prinċipali: 1 Kron 1-9, fejn insibu l-arbli tar-razza, u 1 Kron 10 – 2 Kron 36, fejn insibu l-istorja tal-monarkija sas-sena 587 qabel Kristu. Fl-ewwel parti għandna diversi arbli tar-razza għal popli oħra li magħhom Iżrael għandu rabta u kliem li jiċċara l-identità u l-post tat-tnax-il tribù ta' Iżrael. L-awtur sagru jagħti mportanza lil tliet tribujiet partikulari: Ġuda, Benjamin u Levi. It-tieni parti tagħtina sensiela ta' ġrajjiet storiċi li flimkien jagħtuna l-istorja tal-

**Il-fortizza ta' Ħażor**






monarkija. Importanza kbira tingħata lil David, li jiġi idejalizzat u mfaħħar għall-għemejjel tiegħu, u lil Salamun, lil bini tat-Tempju, lill-belt ta' Ġerusalem u anke lill-qassisin u l-leviti u d-dmirijiet tagħhom fil-mużika u fil-kant. Huwa fit-2 Kron 6, 19-39, fejn nerġgħu nsibu t-talba sabiħa li Salamun jagħmel lil Alla fit-Tempju malli jerġa' jsir sultan. Dan iż-żmien kollu jiġi ppreżentat bħala żmien idejal, żmien ta' solidarjetà u għaqda nazzjonali.

L-awtur jagħti wkoll l-istorja taż-żewġ monarkiji wara l-qasma, fis-Saltna ta' Ġuda u fis-Saltna ta' Iżrael. Imma hija s-Saltna ta' Ġuda li tirċievi l-importanza f'din l-istojra u għall-awtur sagru hija proprju din li tiġbor fiha l-istituzzjonijiet normattivi li ġew imwaqqfa meta s-saltna kienet magħquda.

L-awtur sagru jippreżenta wkoll ir-rwol tal-Profeti f'din l-istorja tas-salvazzjoni; kellhom sejħa divina biex idawwlu, jmexxu, jikkoreġu u jkunu sinjal tal-ħniena ta'Alla fost il-poplu. Minkejja dan kollu, kelmet il-profeti ma ġietx milqugħa (2 Kron 36, 14-16). Il-Kotba jagħalqu bil-ġrajja ta' l-eżilju u t-tama ta' futur aħjar. Fl-aħħar vrus tal-Kotba tiegħu, l-awtur sagru jitkellem mid-Digriet tas-Sultan Ċiru li jordna li l-eżiljati jerġgħu lura lejn Ġerusalem. B'hekk l-awtur sagru jantiċipa r-ritorn tal-poplu lejn artu.

Nistgħu ngħidu li b'dawn il-Kotba l-awtur anonimu qed jerġa' jaqra u jinterpreta l-istorja tas-salvazzjoni. Alla, minkejja d-dgħufija u l-infedeltà tal-bniedem, huwa dejjem preżenti fl-istorja, dejjem fidil għall-patt tiegħu. Hu dan li jqanqal it-tama fil-poplu u jgħinu jħares lejn il-futur b'tama u ottimiżmu.

**Spiss nisimgħu dan il-kliem f'xi qari mill-Bibbja fil-Knisja: "Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka: bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa ta' l-għaġeb f'għajnejna?" Xi jfisser dan il-kliem?**

L-ewwel u qabel kollox irridu ngħidu li dan il-kliem huwa meħud mis-Salm 118, 22-23. Kull awtur tal-Ġdid Testment li jużah ikun irid isaħħah xi ideja jew twemmin permezz ta' din is-silta ta' l-Iskrittura.

Per eżempju, dan il-kliem jintuża minn Ġesù stess f'Mt 21, 42, wara li rrakkonta il-parabbola ta' l-għalqa u l-bdiewa fejn juri li l-Lhud ċaħduh imma għalhekk il-fidwa tingħata lil kull min jemmen fih. Wara li juża l-kliem tas-Salm, Ġesù igħid, "Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel il-frott minnha. U min jaqa' fuq din il-ġebla jitfarrak, u fuq min taqa' tgħaffġu taħtha!"

L-istess silta tas-salm tintuża minn Pietru fid-diskors tiegħu wara l-fejqan tal-magħtub fit-Tempju. Bis-silta tas-salm Pietru jinsisti li l-kapijiet Lhud kienu warrbu lil Kristu, l-ġebla mwarrba mill-bennejja, li saret il-ġebla tax-xewka: Ġesù hu l-mezz tal-fidwa: "Din hi l-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla tax-xewka. F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni…"(Atti 4, 11-12).

Malajr nindunaw li l-ideja tal-ġebla tax-xewka hija tixbiha li qiegħda tintuża biex tindika lil Ġesù Kristu u l-ħidma tiegħu. Il-kelma grieġa għall-ġebla tax-xewka (akrogoniaios, kephalegonias) ġejja mill-kelma ebrajka

rosh pinna). Il-ġebla tax-xewka tista' tirreferi għall-ewwel ġebla tal-bini li tit-qiegħed biex il-pedament ikun dritt u sod; tista' tfisser il-ġebla li torbot żewg ħitan, jew il-ġebla li tgħaqqad minn fuq il-ħitan f'anġlu, jew il-ġebla li torbot arkata jew fetħa.

It-tixbiha tkompli tintuża f'1Pt 2, 4-8: "Ersqu, mela lejh, li hu dik il-ġebla ħajja li kienet imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża. U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, biex tof-fru sagrifiċċju spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu. Għax hekk hemm miktub fl-Iskrittura: "Jiena inqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka, magħżula u għażiża; min jemmen fiha ma jkollux għax jitħawwad' Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ! Għal dawk li ma jemmnux, din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka u ġebla ta' tiġrif u tfixkil; tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma ta' Alla; għal dan kienu ddestinati".

San Pawl, f'Efesin 2, 19,-22, juża din it-tixbiha biex juri li l-appostli u l-profeti huma s-sisien tal-Knisja; hu fi Kristu li l-bini jiġi magħqud. "...intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla".

### X'inhu l-Miserere?

Il-kelma Miserere hija latina u tfisser "ikollok ħniena". Meta xi ħadd igħid li ser jitlob il-Miserere dan ifisser li ser jitlob b'wieħed mill-isbaħ salmi tas-Salterju, preċisament is-Salm 51. Il-Bibbja bil-Malti tagħti dan it-titlu lis-Salm: "Il-qalb niedma u sogħbiena". Fis-sotto-titlu insibu dan il-kliem li jiġbor fih il-kuntest storiku li fih inkiteb dan is-salm penitenzjali per eċċellenza: "Salm ta' David, meta Natan il-profeta ġie għandu għax hu kien resaq lejn Batseba".

Il-Miserere huwa mela Salm Penitenzjali li jirrifletti tajjeb is-sentimenti ta' qalb niedma u sogħbiena, salm tajjeb ħafna li jgħinna nidħlu fl-ispirtu ta' l-indiema qud-diem il-kobor ta' l-imħabba ta' Alla.

"Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijie-ti. Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi, naddafni mid-dnub tiegħi.....Oħloq fija qalb safja o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija....Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb nied-ma; qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, O Alla".



Il-fortizza ta' Ħażor

Wara l-pubblikazzjoni tal-Bibbja f'volum wieħed, l-Istudju Bibliku għadda minn perijodu ta' waqfien mix-xogħol. Xi kollaboratur kien miet; oħrajn, speċjalment wara t-twaqqif tal-Vikarija Franġiskana f'Taiwan, ġew trasferiti.

F'Diċembru 1969 P. Gabriele kellu jiġi rikoverat fl-isptar minħabba problemi tal-qalb.

B'ordni tat-tobba kellu jwaqqaf kull attività sa Frar tal-1970. Filwaqt li kien l-isptar kiteb żewġ kotba żgħar: 'San Francesco ha lasciato il Paradiso', u 'Peregrinantibus et iter agentibus'.

F'Mejju tal-1970 reġa' mar Macau għall-mistrieħ. Hawnhekk ikkompona kors ta' priedki bit-titlu 'The Mysteries of Christ', priedki li hu stess ippriedka fl-Istati Uniti fix-xahar ta' Awissu ta' l-istess sena. Fi tmiem dawn il-priedki huwa niżel Ruma u Sqallija u mbagħad reġa' irritorna Hong Kong.

Kien propriu f'dan iż-żmien li P. Allegra spiċċa minn Prefett ta' l-Istudju Bibliku. Huwa baqa' jaħdem u ddedika ruħu għall-kompożizzjoni tad-Dizzjunarju Bibliku.

Fl-1973 P. Allegra reġa' lura l-Italja għal perijodu ta' mistrieħ. Waqaf Ruma, Napli u Sqallija. Għadda s-sajf f'San Marino, qrib is-Santwarju tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

Nhar il-25 ta' Settembru mar Rieti fejn ħa sehem fis-VII Kungress Skritturistiku. Nhar il-11 ta' Frar 1974 huwa ġie mogħti l-inkargu li jmur Ġerusalem biex igħallem it-Teoloġija Biblika.

F'Awissu ta' l-istess sena reġa' lura Hong Kong. Sadattant l-Istudju Bibliku issa kien ġie ttrasferit fi Triq Henderson. Ħadem fuq id-Dizzjunarju Bibliku mal-kollaboraturi tiegħu. Dan l-istess Dizzjunarju ġie ppubblikar nhar il-15 ta' April 1975.

Wara dan ippriedka l-irtiri lil ħutu reliġjużi fil-Korea u fil-Ġappun. Nhar id-19 ta' Diċembru mar f'Coloane, fil-Macau. Hemmhekk huwa għadda l-aħħar Milied tiegħu mal-lebbrużi.

Nhar it-23 ta' Jannar 1976 ħassu ħażin u l-għada ttieħed l-isptar minħabba infjammazzjoni kbira fi griż-mejh. Fis-26 ta' Jannar, huwa miet, waqt operazzjoni li kienet qiegħda ssirlu fi griżmejh.

Nhar it-28 ta' Jannar sarulu l-funerali fil-Knisja ta' Santa Margerita. Kien l-Isqof G.B. Wu li mexxa l-funeral tiegħu.

Nhar il-15 ta' Mejju 1986, għaxar snin wara l-mewt tiegħu, il-fdalijiet tiegħu ġew meħuda fil-Knisja ta' San Biagio, f'Acireale, f'Sqallija.

F'April ta' din is-sena, wara proċess sħiħ, ġie approvat il-miraklu li permezz tiegħu P. Gabriele M. Allegra OFM, jista' issa jiġi ddikjarat Beatu tal-Knisja, bħala Appostlu tal-Kelma.


Il-fonti tal-magħmudija li fih tgħammed P. Gabriel Allegra